# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu 2020**

**Numru 38**

**Rikors numru 81/07 JPG**

**Angelo Żerafa, Emmanuel Żerafa, Grezzju Żerafa u Mary Calleja**

**v.**

**Michelina Azzopardi**

**Il-Qorti:**

1. Dawn huma żewġ appelli mressqa wieħed minn kull parti, minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Novembru, 2014, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") fil-kawża fl-ismijiet premessi li biha w għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti (i) ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni w sabet li l-azzjoni mhix preskritta; (ii) ċaħdet it-tieni eċċezzjoni w ma sabetx li r-rinunzja mill-atturi għall-ereditajiet tal-ġenituri tagħhom kienet nulla u bla effett; (iii)

ċaħdet ir-raba' eċċezzjoni w ma qisetx li mill-komputazzjoni tal-ġid tal-wirt għandhom jitnaqqsu s-serviġi mogħtija mill-imħarrka Azzopardi lill-ġenituri tal-partijiet; (iv) laqgħet f'biċċa minnha t-tielet eċċezzjoni u qieset il-komputazzjoni ta' l-assi bil-valur fid-data tal-mewt tal-ġenituri tagħhom; (v) laqgħet il-ħames eċċezzjoni f'biċċa minnha u qieset il-konċessjoni ta' raba' min-naħa ta' missier l-atturi favur l-istess atturi subien bħala donazzjonijiet, li għandhom jitnaqqsu mis-sehem riżervat spettanti lilhom; (vi) laqgħet it-talbiet attriċi; u (vii) ordnat li l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet;

2. Fl-att li bih fetħu l-kawża, l-atturi (li kienu irrinunzjaw għall-wirt tal-ġenituri tagħhom) talbu li l-ewwel Qorti tillikwida l-valur tal-wirt ta' kull wieħed u waħda mill-ġenituri tagħhom, u minn hemm tgħaddi biex tillikwida l-valur xieraq tas-sehem riżervat dovut;

3. Min-naħa tagħha, l-imħarrka laqgħet għal dik l-azzjoni billi qalet li, safejn l-azzjoni attriċi tirrigwarda l-wirt tal-omm, din kienet waqgħet bil-preskrizzjoni; li r-rinunzji min-naħa tal-atturi għall-wirt tal-ġenituri ma kinux jiswew ladarba huma kienu għamlu atti ta' werrieta wara l-mewt tal-ġenituri billi ħadu taħt idejhom u żammew ġid li ġej mill-istess wirt; li, f'kull każ, il-wirt ta' kull wieħed mill-ġenituri kellu jitqies skond il-valur tiegħu dakinhar tal-mewt ta' kull wieħed minnhom; li mill-imsemmi valur tal-wirt irid jitnaqqas il-valur tas-serviġi li hija tat lill-ġenituri; u li l-atturi għandhom jagħmlu l-imputazzjoni fil-ġid tal-wirt ta' dak kollu li huma ngħataw, direttament jew indirettament, mill-ġenituri tagħhom matul ħajjithom;

4. Illi biex waslet għall-imsemmija deċiżjoni, l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

"*Ikkonsidrat:*

*"Illi mill-provi prodotti mill-atturi jirrizulta ill Carmela Zerafa, omm il-kontendenti, mietet fis-27 ta' Lulju 1996, waqt li il-missier Joseph Zerafa miet fil-2 ta' Settembru 2000 – Vide certifikati tal-mewt Dok.A Dok.B a fol 4 u 5.*

*"Il-konjugi Zerafa mietu testati kif jidher minn Dok.C, testment datat 20 ta' Gunju 1996, fl-atti tan-Nutar Dr.Charles Vella Zarb.(vide fol 6 sa fol 8) Skond r-ricerki ezebiti, ( vide Dok D sa Dok G fol 9 sa 12), dan kien l-ahhar testment tal-konjugi Zerafa.*

*"Jirrizulta illi l-atturi rrinunzjaw ghall-eredita tal-geneturi taghhom –vide Dok H1 a fol 13 u Dok. H2 a fol 15.*

*"L-atturi jikkontendu illi t-testment datat 20 ta' Gunju 1996 dok.C jilledi l-legittima spettanti lilhom skond Artiklu 616 tal Kodici Civili, u li l-intimata interpellata biex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tal-istess, naqset milli taghmel dan.*

*"Illi mill-affidavit tal-attur Angelo Zerafa (vide fol 32 et seq.), jirrizulta illi l-assi kollha t'ommu, Carmela Zerafa, ghaddew ghand il-missier Joseph Zerafa bhala uzufrutwarju.*

*"Angelo Zerafa cahad li huwa accetta xi haga mill-wirt tal-geneturi tieghu jew li ghamel xi att ta' eredi. Ghar-regward tar-raba' li kien f'isem il-missier, Angelo Zerafa xhed illi tali raba' kien gie divis mill-missier fuq is-subien meta kienet ghadha hajja l-omm u li nqaleb f'ismu u f'isem hutu fl-Ghammieri, meta il-missier wasal ghall-pensjoni.*

*"Fl-affidavit ulterjuri tieghu, a fol 43, Grezzju Zerafa nnega li hu jew hutu approprjaw irwiehom minn xi ghodda ta' missierhom u kkonferma li t-tank tal-ilma kien ttaqqab u gie mormi fl-Israp yard flimkien mal-morsa u chainblock. Il-mutur tal-marka Howarward kien bieghu li certu Karistu, waqt li kien partat it-trukk ma' karrozza. Huwa xhed illi r-raba' tal-missier kien nqaleb fuq isem l-ulied subien fil-12 ta Frar 1980 meta il-missier ghalaq sittin sena. Fil-fatt hu u hutu kien gia jhallsu il-qbiela li missierhom imbaghad kien jghaddi lill Kniesja.*

*"Dan gie pienament konfermat mix-xhieda ta Grezzju Zerafa(a fol 33) u Mary Calleja (a fol 34) u Emmanuel Zerafa (a fol35), u fl-affidavit ulterjuri taghhom a fol. 45,46, 47 rispettivament.*

*"L-atturi ezebew Dok.1, ftiehem datat 19 ta Awissu 1996, li permezz tieghu, Joseph Zerafa ghadda r-raba' lil uliedu Anglu, Grezzju u Emanuel Zerafa ( vide fol 56); Dok 2(a) sa 2 (f), sitt ricevuti; Dok 3, 4, 5 kotba tar-raba' ta' Emmanuel Zerafa, Grezzju Zerafa u Angelo Zerafa rispettivament.*

*"Mary Calleja, a fol 70, xhedet illi meta l-genituri taghha kien rredigu t-testment taghhom, dan sar fil-presenza ta l-intimata Michelina Azzopardi.*

*"Emmanuel Zerafa,a fol. 72 kkonferma r-ricevuti ezebiti a fol. 54 et seq, kif ghamel Angelo Zerafa a fol. 74 et seq. u Grezzju Zerafa a fol. 79.*

*"Angelo Zerafa kompla jghid illi l-fond 66 Spadaro Street Zabbar gie smat mill-atturi fl-ammont ta' mitt elf lira Maltin (Lm100,000), waqt li l-garage fi triq Spadaro gie smat erbghin elf liri Maltin (Lm 40,000). D-dar fi triq Sant'Antnin Zabbar giet smata fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf liri Maltin (Lm25,000). L-atturi ma nkarigaw ebda perit sabiex jhejji tali stima. Angelo Zerafa xhed ukoll illi d-deheb gie smat Lm1000. Il-flus f'akkonti bankarji ma gewx inkluzi il-ghaliex ma kien maghruf l-entita ta l-istess.*

*"Emmuel Zerafa kkonferma x-xhieda ta' ohtu Mary Calleja meta stqarr illi gie impedit milli jacceda ghad-dar tal-geneturi tieghu meta dawn kienu qed jirredigu t-testment taghhom. (vide fol 77 )*

*"L-atturi ezebew d-dokumenti li jidhru minn fol 87 sa 97.*

*"Fl-affidavit taghha a fol. 38 et seq., Michelina Azzopardi xhedet illi missierha kien jahdem ghar-rasu jgorr id-demel ghall-bdiewa u kien jiehu hsieb 39 il-tomna r-raba'. Hija sostniet illi tul-hajtu missierha kien xtara ghodda u apparat uwzat fil biedja li in segwitu tal-mewt ta missierha, kienu haduhom hutha s-subien. Dawn kien jinkludu trakk , mutur tal-hart, pompa tal-ilma u tal-bexx, pajpijiet tal-ilma bil-friefet, manek tal-ilma, u chainblock.*

*"Michelina Azzopardi xhedet illi r-raba fuq imsemmi kien dar fuq hutha s-subien wara il-mewt tal-omm. Hija sostniet li hadd minn hutha ma ghaddielha sehma mill-ghodda tar-raba li kienu ta' missierha.*

*"Fl-affidavit ulterjuri taghha (vide fol 105 et seq.), Michelina Azzopardi sostnet illi hija kienet l-ewwel li zzewget u marret tghix San Giljan u sussegwentement hi u zewgha xtraw dar f'Haz-Zabbar vicin tad-dar tal-geneturi taghha. Hija ddikjarat illi hija kienet l-aktar wahda mill-ulied li kienet hadet hsieb tal-geneturi u dan minghajr ma ghandu jiftiehem illi hutha b'xi modd abbandunaw lill geneturi taghhom.*

*"Hija spjegat illi kienet taghmel il-facendi tad-dar, u cioe il-hasil tal-hwejjeg, tal-art u tal-hgieg waqt li taghmel ukoll il-qadi, bhal xiri ta' medicinali. Michelina Azzopardi tisqarr illi meta mietet omma, kien hemm f'dar missierha, s-somma ta Lm1000 li missierha nefaq fuq lapida tal-irham ghall-qabar t'ommha.*

*"Apparti dawn il-flus, Michelina Azzopardi ssostni illi ma tafx li l-geneturi taghha kellhom xi flus il-bank. Hija sostniet illi missierha kien jghix bil-pensjoni u kien jirrikiedi xi ghoxrin lira (Lm20) kull xahar ghall-medicini.*

*"Azzopardi xhedet illi fis-sena 1996, hija kienet talbet lil missierha jmur jghix maghha izda dan ma xtaqx jibdel l-ambient li fih kien derha u talabha tirrisiedi mieghu bil-familija taghha. Gara ghalhekk illi kien jehtieg li jsiru diversi xogholijiet inklus bdil tal-eletriku, tal-kmamar tal-banju, u xogholijiet strutturali li gew kwantifikati ghall madwar hamest elef liri Maltin (Lm5000).*

*"Azzopardi xhedet illi l-atturi kienu taw zewg stimi cioe wahda ghad-dar 66 Spadaro Street u ohra ghall garage bin-numru 68 fl-istess triq. L-intimata sostniet illi d-dar u il-garage kienu jinfdu u minn dejjem hekk kienu, ghalhekk kellhom jigu konsiderati bhala haga wahda.*

*"L-intimata Azzopardi xhedet illi apparti d-dar residenzjali, missierha kellu il-fond numru 27, Triq San Antnin , Zabbar. Hija xhedet illi kienet kisbet stima minn ghand il-perit taghha Randolph Bartoli taz-zewg proprietajiet u ezebiet Dok.MA2 u MA3.*

*"Ghar-regward d-deheb, l-intimata xhedet illi ma kien hemm ebda deheb in segwitu tal-mewt ta' missierha, il-ghaliex ommha kienet tatha id-deheb kollu taghha xi gimghatejn qabel ma mietet. Di piu, dan id-deheb kien jiswa ferm anqas minn dak stmat mill-atturi u kien anqas minn-nofs il-valur smat.*

*"In kontro ezami a fol.112 et seq, Michelina Azzopardi xhedet illi il-fond 27 Triq Sant'Antnin kien mikri lil certu Debattista li kienet mietet xi sentejn wara il-mewt ta' missierha. Taf li kien mikri b'xi Lm5.50 fis-sena. Hija xhedet illi qatt ma rcieviet il-kera ghan-nom tal-geneturi taghha. Il-fond kien vojt izda bint Debattista kienet zammitu f'idejha ghalkemm qatt ma rrisjediet fil-fond. L-intimata xhedet illi malli dahlet tghix f'dar missierha hija kienet thallas il-kont tad-dawl u ilma. Kkonfermat illi il-qbiela tar-raba' tal-missier kienet ghaddiet fuq hutha s-subien li bdew jhallsu il-bqiela lill-Kurja imbaghad lill-Joint Office.*

*"Hija sostniet illi l-genituri taghha ma kellhom ebda flejjes il-banek, li kien hemm xi Lm1000 li missierha kien nefaq f'lapida fuq il-qabar ta' ommha. Hija kompliet tiddikjara illi l-geneturi kellhom ukoll qabar u li l-arja fuq il-garage numru 68 Triq Spadar Zabbar ma kienitx tal-geneturi taghha.*

*"Carmelo Azzopardi, r-ragel tal-intimata fl-affidavit tieghu a fol 108, xhed illi:*

*"Jiena r-ragel tal-konvenuta Michaelina Azzopardi. Sas-sena 1996 jien u l-mara konna noqghodu f'darna Haz- Zabbar ukoll. F'dik is-sena kienet mardet sew omm il-mara. Sa dak in-nhar il-mara tieghi kienet dejjem taghmel mal-genituri taghha f'darhom. Pero meta qalulna li nra kienx hemm aktar tama ghal omm il-mara, zewgha Joseph Zerafa kien talabna nmorru noqghodu mieghu biex ma jibqax wahdu. Peress li ahna kellna darna u ma xtaqnix nitilquha huwa assigurani li jekk immorru nghixu mieghu, kien lest jiktibilna dar fil-wirt bi hlas talli konna diga' ghamilna ma martu u talli konna niehdu hsieb tieghu ukoll."*

*"Huwa xhed illi missier il-mara tieghu kien qallu li kien lest li jhallilhom d-dar bil-garage mill-ghatba 'l-gewwa talli kienu hadu hsieb lil martu u kienu lesti jindokraw lilu ukoll. Kienu jafu b'dan l-ahwa Emmanuel u Angelo.*

*"Carmelo Azzopardi xhed illi wara li bdew jirresiedu fid-dar 66 Triq Spadaro, kien wettqu diversi xogholijiet inklus tqieghed ta' membrane, bdil tas-sistema tal-luce eletrika, kostruzzjoni ta tarag fuq l-parti ta gewwa tad-dar, bdil tal-aperturi u bdil tal-kmamar tal-banju. Emanuel u Angelo Zerafa kienu ghenuhom xi ftit izda ma ridux hlas. Carmelo Azzopardi xhed illi huwa kien johrog lill Joseph Zerafa ta spiss anzi ta kull jum u kien jiehu ukoll l-isptar.*

*"Illi fir-relazzjoni tieghu l-Perit Alan Saliba hejja diversi stimi tal-propjeta mertu tal-każ odjern u cioe' stima tal-proprjeta' għas-sena 1996, ohra għas-sena 2000 u kif ukoll fil-preżent, u dana ghar-rigward ta' :*

*"1. dar residenzjali 66, Triq Spadaro, Zabbar.*
*"2. Garaxx : 68, Triq Spadaro, Zabbar.*
*"3. Dar : 8, Triq Sant' Antnin, Zabbar.*
*"4. Qabar : Ċimiterju, Zabbar.*

| *NRU* | *FOND* | *FIS-SENA 1996* | *FIS-SENA 2000* | *FIL-PREŻENT* |
|---|---|---|---|---|
| *1* | *Dar : 66, Triq Spadaro, Zabbar* | *€111,810* | *€123,457* | *€185,000* |
| *2* | *Garaxx: 68, Triq Spadaro, Zabbar* | *€48,917* | *€53,576* | *€80,000* |
| *3* | *Dar : 8, Triq Sant' Antnin, Zabbar* | *€62,893* | *€69,881* | *€105,000* |
| *4* | *Qabar : Ċimiterju, Zabbar* | *€1,630* | *€2,795* | *€6,000* |
| | *TOTAL* | *€225,250* | *€249,709* | *€376,000* |

*"Ikkonsidrat:*

*"Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, dwar il-preskrizzjoni tal-legittima fil-kaz tal-eredita' ta' Carmela Zerafa, il-konvenuta issottomettiet illi Carmela Zerafa mietet fis-27 ta' Lulju 1996; filwaqt li Joseph Zerafa miet fit-2 ta' Settembru 2000. Din il-kawza giet prezentata fl-24 ta' Jannar 2007. Ghalhekk l-konvenuta irritjeniet li t-talba tal-atturi ghall-hlas tal-legittima dwar dak il-wirt kienet preskritta bit-trapass ta' ghaxar (10) snin.*

*"Il-Qorti rat u ezaminat l-art. 845(1) tal-Kodici Civili jipprovdi li:*

*'L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem rizervat [legittima], sew fis-successjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk abintestato, tispicca bl-gheluq ta' ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni' .*

*"Il-Qorti taghraf li skond l-art. 2122(d), il-preskrizzjoni timxi (u ghalhekk mhix sospiza) kontra kull persuna li ma tidholx fl-eccezzjonijiet imsemmija fl-art.*

*2123 sa 2125 tal-Kodici Civili, u ezaminat ir-referenza ghas-sentenza Joseph D'Amico vs David D'Amico et deciza fil-5 ta'Dicembru 2003.*

*"Il-konvenuta issostni li l-atturi ma kellhom l-ebda impediment legali biex jirrinunzjaw ghall-wirt tal-omm, u jitolbu l-legittima, fi zmien ghaxar snin mill-mewt taghha u iccitat is-sentenza Teresa Borg vs Carmelo Borg (Prim'Awla, deciza 2 t'Ottubru 2002):*

*'Meta decuius fl-ghoti ta' legat jeccedi l-kwota disponibbli, il-werrieta jistghu jissalvagwardjaw il-posizzjoni taghhom billi jirrinunzjaw ghall-wirt bir-rizerva tad-dritt ghall-legittima u jaghmlu talba fi zmien ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni sabiex kull sehem minn dak il-legat li jeccedi l-parti disponibbli mit-testatur a termini ta' l-artikolu 614 tal-Kap. 16, jigi mnaqqas sabiex tibqa' salvagwardata l-legittima'.*

*"Ikkonsidrat:*

*"Din il-Qorti taghraf illi il-perjodu ta' preskrizzjoni indikat mill-konvenuta ma bediex jidekorri qabel il-mewt ta' Joseph Zerafa fit-2 ta' Settembru 2000, stante li kien hemm l-uzufrutt moghti minn Carmen Zerafa, omm il-partijiet, lil missier cioe' Joseph Zerafa permezz tat-testment anness bhala Dok C. Dan l-uzufrutt fil-fatt jissospendi l-perjodu ta' preskrizzjoni li ma jibdiex jiddekorri kontra l-atturi fir-rigward tal-eredita' ta' Carmen Zerafa.*

*"Fil-fatt din il-preskrizzjoni naxxenti mill-Art 845 tal-Kap 16 hija ta' natura akkwizittiva - ghalhekk il-pussess irid ikun wiehed legali u animo domini. Tali pussess ma jista qatt jezisti meta huwa bazat fuq l-uzufrutt li jkun qed igawdi il-konjugi superstiti bhal ma hu il-kaz odjern.*

*"Infatti fis-sentenza Joseph D'Amico et v David D'Amico et Citaz 1254/02JA deciza mill-Onor Imhallef Joseph Azzopardi fil-5 ta' Dicembru 2003 dik il-Qorti ghamlet referenza estensiva ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell deciza fil-15 ta' Dicembru,1939 fl-ismijiet "Alberto Grixti v Angela sive Giulia Ellul", fejn gie ritenut:*

*"Hu evidenti illi icto oculi ghaddew iktar minn ghaxar snin sakemm l-atturi ppoponew din il-kawza li hija kawza ghall-likwidazzjoni u hlas tal-legittima u kwindi jidher primafacie li din l-eccezzjoni hija sostenibbli. Madankollu ezami approfondit ta' diversi sentenzi li kellhom opportunita' jiddeciedu dwar kawzi simili u anke tal-principji legali involuti jindika li l-kwistjoni mhijiex daqshekk semplici.*

*"Dan jirrizulta mill-fatt li zewg l-imsemmija Maria Gemma D' Amico kien igawdi l-uzufrutt ai termini tat-testment unica carta li kienu ghamlu flimkien f April 1986 kif gia inghad.*

*"Sentenza interessanti u mimlija gherf legali inghatat mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Dicembru, 1939 fil-kawza fl-ismijiet"Alberto Grixti -vs- Angela sive Giulio Ellul". Din il-Qorti se ticcita bran estensiv minn din is-sentenza ghaliex thoss li huma applikabbli ghall kaz in ezami. Fost hwejjeg ohra din is-sentenza tghid hekk:*

*"Hu indubitat li l-preskrizzjoni ...fuq imsemmija hija fin-natura taghha akkwisittiva ghaliex minhabba dak iz-zmien, il-possessur tal-eredita' jew tal-legat ikun akkwista*

*d-dritt fuq l-eredita' jew fuq il-hwejjeg li jikkomponu l-legat u ghalhekk ikun jista' jirrespingi d-dritt ta' min jigi l' quddiem li ghal dan id- disposizzjoni ghandha natura estintiva.*

*"Ghalhekk dan il-pussesur kellu jipposjedi b'pussess tajjeb li jista' jippreskrivi u skond l-artiklu (dak iz-zmien 1882 - illum 2118) mhux tajjeb ghal dan il-fini il-pussess tal-uzufruttwarju ghaliex dan ikun qieghed jipposjedi mhux animo domini izda semplicement ghall-fini li jgawdi l-haga, jiehu l-frutti waqt il-hajja tieghu izda n-nuda propieta' tibqa' ghand haddiehor. Infatti l-fondament ta' kull preskrizzjoni akkwizittiva huwa dak li tevita l-kontestatazzjonijiet peress illi kull min ikun qed jipposjedi ikun mhux b'titolu prekarju kif inhu deskritt fl-artiklu imsemmi) izda titulo propietatis et domini, jibqa' jzomm din il-haga in bona sew in malafede, pero dejjem bl-animu li qieghed jipposjedi titulo propietatis u ghalhekk qed jaghmel att ta' dominju. Jekk dak l-istat ta' affarijiet baqa' jsehh ghaz-zmien li trid il-ligi u l-veru proprjetarju ma giex il-quddiem, allura tkun operat ruhha l-usucopione favur dak il-possessur. Dawk pero li jkun qeghdin jipposjedu prekariament, bhala uzufruttwarji ikun evidenti li huma qeghdin izommu l-haga ghan-nom ta' haddiehor u ghall-fini ta' dirtt prekarju taghhom; ghalhekk l-artiklu 1885 (illum 2121) jghid illi: "No one can prescribe against his own title, in the sense that he cannot change in regard to himself the cause for which he holds the thing."*

*"Imbaghad il-Qorti fis-sentenza Joseph D'Amico et v David D'Amico et ghaddiet biex applikat dawn il-principji ghall-kaz partikolari:*

*"Meta dawn jigu applikati ghal dan il-kaz ir-rizultat ikun l-istess. Wara l-mewt ta' Maria Gemma D' Amico, zewgha beda jgawdi l-usufrutt skond it-testment unica charta. Kwindi mill-1988 sal-mewt tieghu li grat fl-2002 ma' kien hemm ebda perjodu preskrittiv ghaddej ghas-semplici raguni li l-pussess esistenti kien wiehed prekarju. Ghal dawn il-mottivi l-Qorti qieghdha tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra taghhom."*

*"L-istess gie ritenut fis-sentenza deciza fis-26 ta' Gunju 2005 fl-ismijiet Ignazia Degabriele vs Joseph Attard et deciza mill-Imhallef Dr. J.R. Micallef fejn fiha l-Onorabbli Qorti iddikjarat:*

*"Jista jkun tassew minnu li Rozina Degabriele ma setghetx titlob l-immissjoni fil-pussess tal-legat qabel ma jkun intemm l-uzufrutt favur ohtha. Dan jinghad fid-dawl tal-principju li fejn hemm xi hjiel ta' dubju dwar l-interpretazzjoni u l-estent ta' legat, tali dubju jmur favur il- legatarju...."*

*"Vide ukoll :Appell Luigi Pace Balzan v Giovanni Pace Balzan 16/02/1887 Vol XI p247; Appell 02/l2/19l0 Farrugia v Attard Vol XXI.i.267; Antonio Borg v Giuseppe Zammit 28/03/l955 Appell; Prim Awla 29/05/1957 Salvu Ellul Bonnici v Noble Marquis Paolo Apap Bologna et noe; Giuseppe Ellul et v Antonio Fenech et 25/01/1951 Vol XXXV.ii.337; Antonio Borg v Giuseppe Zammit 28/03/1955; 29/01/1954 Appell Stella Briffa v Caterina Scicluna; 16/05/1983 Paolo Camilleri v Antonio Camilleri Word of the Court Vol VI - 2123 PA; App 7/10/1997 Michael DeBono v Gian Mari DeBono; Prim Awla 01/l0/2003 Charles Buttigieg v Yvonne Rormosa et per Onor Albert J. Magri; Angela Magro et vs Angelo Magro et – 2/l0/l2 - cit 186/2012. Prim Awla perOnor. Imhallef Mark Chetcuti Martin Aquilina et vs Ludgarda Borg et - 12.10.2011- cit 835/2006 Rosita Curmi vs Salvina Grima et - cit 63/2008*

*-30.07.2010 - Qorti tal-Magistrati Ghawdex (sed Superjuri) - per Onor. Imhallef Anthony Ellul.*

*"Ghalhekk din il-Qorti tqis illi l-presekrizzjoni taht l-Art 845 tal-Kap 16 ma tistax tibda tiddekorri u tghaddi hlief mill-gurnata li jittiehed "pussess separat u esklussiv". Ghalhekk, gialadarba kien ghadu qed jigi godut l-uzufrutt da parti tal-missier Joseph Zerafa, din il-preskrizzjoni fir-rigward tal-legittima tal-omm qatt ma setghetx tibda tidekorri.*

*"Ghar-rigward tal-legittima tal-missier, l-ghaxar snin mid-data tal-ftuh tas-successjoni kienu ghadhom ma iddekorrewx, stante li, il-missier miet fit-2 ta' Settembru 2000 u dawn il-proceduri infetfu fl-24 ta' Jannar 2007.*

*"Ghaldaqstant il-Qorti tichad l-ecezzjoni ta'preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta.*

*"Ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni u cioe' li r-rinunzja tal-eredita li ghamlu l-atturi ma kienitx valida stante li l-atturi ghamlu atti da eredi jew hadu pussess tal-eredita', din il-Qorti tqis illi il-konvenuta ma intavolat ebda kontro-talba biex ixxejjen in-noti ta' rinunzji ghall-eredita' tal-genituri mill-atturi. Di piu' ma ngabu ebda provi illi l-atturi fil-fatt ghamlu atti da eredi.*

*"Din il-Qorti pero tqis illi ghandha tikonsidera l-valur tal-koncessjoni illi saret permezz tal-kuntratt bejn l-ulied is-subien u l-missier Joseph Zerafa data 19 t'Awwissu 1996 Dok.1 a fol.56 illi bis-sahha tieghu Guzeppi Zerafa ikkonceda favur tlett mill-atturi cioe' Angelo, Emmanuel u Grazio Zerafa, ftit anqas minn erbghin tomna raba', u dana sabiex jigu kwantifikati l-assi li kienu jappartienu lil konjugi Zerafa. Ghal dan il-ghan hija qed tilqa' l-hames eccezzjoni tal-konvenuta 'l ghaliex il-koncessjoni tal-qbiela, bhal donazzjoni ghandha valur intrinsiku, li ma tistghax tigi injorata. In vista tan-nuqqas ta' prova kontrarja, il-Qorti qed tilqa' l-istima tar-raba koncessa lill-ahwa Angelo, Emmanuel u Grazio Zerafa li giet stmata €17,550 u cioe' €450 X 39 –il tomna raba'.*

*"Ghaldaqstant il-Qorti tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta waqt illi tilqa' l-hames eccezzjoni taghha.*

*"Il-Qorti tghaddi biex tezamina t-tielet eccezzjoni tal-konvenuta fis-sens li ghall-iskop tal-komputazzjoni tal-legittima, l-assi tal-eredita ghandhom jitqiesu bil-valur tad-data tal-mewt rispettiva tal-genituri.*

*"Il-ligi dwar din il-materja hi is-segwenti:*

*"Fil-waqt li sabiex jigi stabbilit jekk il-legittima portio gietx infratta wiehed irid jiehu il-valur tal-assi fid-data tal-ftuh tas-successjoni, la darba jigi stabbilit li il-legittima fil-fatt tkun giet infratta u li l-attur ikun jisthoqqlu li jiehu il-legittima tieghu, allura tali legittima ghandha tihallas skond il-valuri l-aktar qrib id-data tal-hlas tal-istess legittima.*

*“Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Joe D'Amico et v David D'Amico et deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Ottubru 2009 per Onor Imhallef Joseph Azzopardi (Citaz 1254/2002):*

*"Fuq dawn il-valuri l-Qorti se tadotta l-istima tal-espert tekniku ghaliex billi huwa car li l-Qorti se tordna hlas ta' somma likwida kif intqal fis-sentenza "Emilia Maria Mifsud vs Eleonora Mizzi et" (deciza fl-14 ta' Dicembru 1973 mill-Qorti tal-Appell li ghamlet riferenza ghas-sentenza "Concetta Vella vs Giuseppe Bugeja" (Appell Civili - l0 ta' Dicembru 1973) jekk il-legittima ma gietx sodisfatta u trattandosi ta' beni in-natura (mhux flus) ikkonvertiet ruhha, il-kazijiet fejn dan hu konstentit mill-ligi fi dritt ta' kreditu fi flus, id-dritt tal-legittimarju ghandu bhala oggett 'un bene reale' u l-'aestimatio rei' ghandha tkun riferita ghal-Zmien tal-konverzjoni, u cioe' z-zmien l-iktar qrib possibbli ghall-pronunzja gudizzjali u tenut kont ghalhekk ta' xi sopravenuta zvalutazzjoni monetarja. Dan huwa bhala eccezzjoni ghar-regola li ghar-rikostruzzjoni tal-patrimonju tal-mejjet bilfors wiehed irid jirriporta ruhu ghall-valuri fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni ("Vella vs Bugeja supra").*

*“Izda l-Qorti tal-Appell fil-kaz fuq indikat iccitat is-sentenza bl-ismijiet Concetta Vella vs Giuseppe Bugeja u qalet li:*

*“[Ghar-]rijunjoni fittizja tal-assi ereditarju in kwantu diretta ghar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decujus (li l-ligi tikkonsidra bhala terminu ta’ riferiment ghad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli, u b'rifless, ta' dik indisponibbli, anki biex talvolta dik li tidher kwistjoni centrali f'dan il-kaz - tigi affermata jew eskluza l-ezistenza tal-lezjoni tal-legittima) bilfors wiehed irid jirriporta ruhu ghall-valuri fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni. tenut kont naturalment f'dan ir-rigward tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi relattivi ghall-kollazzjoni ...*

*[I]zda jekk il-legittima ma gietx sodisfatta, trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruhha, fil-kazijiet fejn dan hu konsentit mil-ligi, fi dritt ta' kreditu fi flus, id-dritt tal-legittimarju ghandha bhala oggett 'un bene reale' u l'aestimatio rei' ghandha tkun riferita ghaz-zmien tal-konverzjoni'.'*

*“Ghaldaqstant il-Qorti tilqa’ it-tielet eccezzjoni parzjalment u tghaddi ghal-komputazzjoni tal-legittima.*

*“Il-Qorti tghaddi biex tikkonsidera l-komputazzjoni tal-assi tad-decujus u r-raba' eccezzjoni tal-konvenuta li permezz taghha hija tablet illi f’tali komputazzjoni kellhom jitnaqqsu is-servigi rezi minnha lil genituri taghha.*

*“Referenza terga issir ghas-sentenza fl-ismijiet Joe D'Amico et v David D'Amico et deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Ottubru 2009 per Onor Imhallef Joseph Azzopardi (Citaz 1254/2002) fejn hemm ukoll il-konvenuti kienu qed jitolbu li mill-assi tad-decujus, ghall-iskop tal-komputazzjoni tal-legittima ghandhom jigu imnaqqsa bhal dejn is-servigi li kienu dovuti lil wahda minn nisa tal-atturi. F' dan il-kaz il-Qorti qalet hekk:*

*"Rigward is-servigi resi minn Sylvana D'Amico, il-Qorti tal-Appell f’sentenza ricenti ("Salvatore Cutajar vs Maria Dolores Cutajar" deciza fis-26 ta' Gunju 2009) qalet illi f’kawzi simili, (il-Qorti) ghandha dejjem il-poter li tara jekk dan il-legat huwiex sproporzjonat ghas-servigi prestati mill-legatarju, u dan sabiex jigi zgurat li d-decujus m'eccediex il-kwota disponibbli tal-beni tieghu u b'mod li seta' allura illeda l-legittima dovuta lill-werrieta. F'dan il-kaz, il-persuna illi allegatament irrendiet is-*

*servigi ma gietx kumpensata mit-testatur izda mill-werrieta. Il-Qorti thoss li ghalkemm ma hemm ebda dubju li l-imsemmrja Sylvana D'Amico rrendiet servigi lid-decujius specjalment lill-missier il-partijiet, l-iskop car tal-konvenuti u werrieta kien li jnaqqru mil-legittima spettanti lill-atturi. Il-Qorti thoss li meta t-testaturi hallew il-legat tad-dar residenzjali taghhom (cioe' l-iktar proprjeta' li tiswa flus) lill-konvenut David D'Amico kienu qed jaghmlu dan biex jikkumpensaw anke lil martu ta' dawn is-servigi. Ghalhekk il-Qorti thoss li dik l-iskrittura illi fiha l-konvenuti ddikjaraw li ghandhom jaghtu erbat elef Liri Maltin (Lm4,000) lil Sylvana D'Amico hija res inter alios acta ghall-atturi u ghalhekk ma hijiex se tigi mnaqqsa bhala dejn tal-assi ereditarji. Kien ikun differenti kieku s-servigi ssemmew fit-testment."*

*"Illi ghaldaqstant sabiex issir ir-rikostruzzjoni fittizja tal-assi ereditarji, z-zmien tal-istima ghandha tkun dik tal-apertura tas-successjoni, u ghar-rikorstruzzjoni tal-assi ereditarji ghandu jitqies dak kollu imsemmi f'Artikolu 620.*

*"L-Artikolu 620 tal-Kapitolu 16 qabel id-dhul fis-sehh tal-att XVIII tas-sena 2004 kien jipprovdi li:*

*"(1) il-legittima ghandha tinghata fi proprjeta' shiha, u testatur ma jista' jghabbiha b'ebda piz jew kondizzjoni.*

*"(2) Il-legittima tinqies fuq l-assi kollu. wara li jitnaqqsu d-djun ta' l-assi u l- ispejjez tal-funerali.*

*"(3) Fl-assi jidhol dak kollu li minnu t-testatur, b'titolu gratuwitu, ukoll f'kontemplazzjoni ta' zwieg, ikun iddispona favur ta' xi hadd, minbarra l-ispejjez ta' l-edukazzjoni tal-tfal jew dixxendenti ohra.*

*"(4) Dak li jmissu l-legittima ghandu jaqta' minnha dak kollu li jkun ha minghand it-testatur u li jkun suggett ghall-kollazzjoni taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 913 sad-938.*

*"Is-sehem tal-legittima tal-atturi, skond l-Artikolu 616 tal-Kodici Civili, hija nofs il-proprjeta' tal-genituri diviza b'hamsa, stante illi il-genituri Zerafa kellhom hamest it-tfal. Illi ghalhekk il-legittima f'dan il-kaz hija (½ ÷ 5). Sabiex tinhadem ir-rikostruzzjoni tal-massa ereditarja, z-zmien tal-valutazzjoni irid ikun dak l-aktar vicin tal-apertura tas-successjoni.*

*"L-omm mietet fis-27 ta'Lulju 1996 u ghaldaqstant l-valur tal-proprejta' hija dik kif tidher fl-iskeda a fol. 145 ghas-sena 1996 u cioe nofs €225,250 = €112, 625. Ebda tnaqqis iehor ma jista jsir 'l ghaliex l-atturi qeghdin jitolbu ghas-sehem taghhom tal-legittima wara li rrinunzjaw ghat-testment tal-genituri. Dan ifisser illi t-testment taz-zewg genituri u l-assi kollha hemmhekk indikati jakkumulaw a favur il-konvenuta. Il-Qorti taghmel accenn ukoll ghal-fatt illi d-dar konjugali bil-garage adjacenti tirraprezenta l-akbar valur tal-proprjeta' li tifforma il-massa ereditarja tal-konjugi Zerafa u l-ghan ewlieni tal-istess konjugi Zerafa kien illi din id-dar kellha tithalla lill-konvenuta minhabba dak kollu li ghamlet mal-genituri taghha. Illi ghaldaqstant ebda komputazzjoni ulterjuri ghas-servigi ma tista' tigi mnaqqsa fil-komputazzjoni tal-massa ereditarja. Altrimenti dan ikun ifisser illi mhux talli il-konvenuta tkun ippremjata kif imiss, ghal dak kollu li ghamlet*

*mal-genituri izda il-Qorti tkun qed tippremja doppjament ghal servigi permezz ta' double computing. Lanqas ma jista' jigi konsiderat xi valur tal-koncessjoni tar-raba' 'l ghaliex dan sar wara il-mewt tal-omm.*

*"Ghaldaqstant is-somma ta' €112,625 tirapprezenta l-likwkidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti eziztenti bejn Joseph u Carmela Zerafa, jew il-massa ereditarja ta' Carmela Zerafa liema somma trid tigi diviza fi tnejn imbaghad f'hamsa ghall-komputazzjoni tal-legittima tal-atturi cioe' €112, 625 ÷ 2 ÷ 5 = €11,262.50.*

*"Illi nofs l-valur tal-proprjeta' ta' Joseph Zerafa illi miet fis-sena 2000, gie stmat mill-Perit Alan Saliba fl-ammont ta' €249,709 ÷ 2 = €124,854.5 – vide fol. 145, stima tas-sena 2000. Kif fuq intqal ma jista' jitnaqqas ebda somma ghas-servigi prestati mill-konvenuta lill-genituri taghha. Illi ghalhekk is-somma ta' €124,854.5 ghandha tigi diviza bejn tnejn imbaghad bejn hamsa u minnu jitnaqqas il-valur tas-sehem tal-koncessjoni tar-raba' tal-missier Joseph Zerafa ghal kull wiehed mill-atturi subien.*

*"Din il-Qorti tibda biex tiddikjara illi kwalunkwe xoghlijiet illi l-konvenuta dehrilha illi kellha taghmel ghal-konvenjenza u htigijiet tal-familja taghha, sabiex hija tibda tirrisjedi fid-dar tal-genituri taghha, minflok ma tkompli tghix f'darha, b'ebda mod ma jistghu jitqiesu bhala "***dejn***" tal-massa ereditarja, fil-kakolu fittizzju ghall-massa ereditarja li minnha trid tigi individwalizzata l-legittima tal-atturi. Dawn l-emeljorazzjonijiet (sic) saru biex tgawdi minnhom l-konvenuta u l-familja taghha.*

*"Illi ghar-rigward tal-hames eccezzjoni din il-Qorti diga trattatt din l-eccezzjoni u tqis illi l-koncessjoni ta' disgha u tletin tomna raba' lil ulied maskili cioe' Angelo, Grezzju u Emanuel Zerafa ghandha valur ta' €17,550 u din il-koncessjoni ta' raba', bhala donazzjoni, ma tistax tigi injorata ghalhekk tilqa' din il-hames eccezzjoni.*

*"Ghaldaqstant il-massa ereditarja ta' Joseph Zerafa hija fl-ammont ta' €249,709 ÷ 2 = €124,854.5 valur tas-sena 2000 skond stima tal-Perit Alan Saliba a fol. 145, liema somma ghandha tigi diviza b'hamsa (½ X €124,854.5 ÷ 5).*

*"Ergo €124,854.5 ÷2 = €62,427.25 ÷ 5 = €12,485.45 .*

*"Minn din il-legittima ta' kull wild, ghandu jitnaqqas dak kollu illi l-wild ikun ha minghand it-testatur (Artikolu 620(4) tal-Kapitolu 16).*

*"Illi din il-Qorti rat u ezaminat ix-xhieda fil-process dwar l-ingenji u l-apparat tal-biedja li allegatament gew approprijati mill-atturi maskili. Apparti l-fatt illi dawn jidhru li gew mibjugha mill-missier f'hajjtu, ebda valur ma gie sottomess wisq anqas ipprovat. Ghar-rigward tad-deheb waqt illi l-atturi stmaw dan id-deheb elf lira Maltin ( Lm1,000), il-konvenuta tghid illi dan id-deheb kien jiswa ferm anqas mill-istima moghtija minn hutha. Il-Qorti in vista tal-fatt illi ebda lista tal-oggetti tad-deheb, jew almenu xi ritratti li juru*

*dawn l-oggetti tad-deheb ma tista' tasal ghall-ebda stima, u taghraf illi l-atturi ma pprovawx sodisfacentement dan il-fattur.*

*"L-atturi, b'eccezzjoni ta' Mary Calleja, inghataw il-koncessjoni raba', disgha u tletin (39) – il-tomna b'valur ta' €17,550 (€450 per tomna raba'). Ghaldaqstant din is-somma ta' €17,550 ghandha tigi diviza bejn tlieta €17,550 ÷ 3 = €5,850 u titnaqqas mis-sehem tal-ahwa atturi maskili : €12,485.45 - €5,850 = €6,635.45.*

*"Ghaldaqstant il-legittima tal-atturi mill-massa ereditarja tal-proprjeta' tal-missier hija fl-ammont ta':*

*"il-legittima ta' Angelo Zerafa hija €6,635.45*
*"il-legittima ta' Emmanuel Zerafa hija €6,635.45*
*"il-legittima ta' Grezzju Zerafa hija €6,635.45*
*"il-legittima ta' Mary Calleja hija €12,485.45*

*"Ma din il-legittima trid tigi maghduda il-legittima spettanti mill-massa ereditarja tal-omm u cioe':*

*"il-legittima ta' Angelo Zerafa hija €11,262.50+ €6,635.45 = €17,897.95*
*"il-legittima ta' Emmanuel Zerafa hija €11,262.50+ €6,635.45 = €17,897.95*
*"il-legittima ta' Grezzju Zerafa hija €11,262.50+ €6,635.45 = €17,897.95*
*"il-legittima ta' Mary Calleja hija €11,262.50+ €12,485.45= €23,747.95*

*"Ghaldaqstant it-total huwa f'ammont ta': €77,441.80*

*"Dak illi din il-Qorti trid tqis huwa jekk il-legittima hekk fuq indikata ta' kull wiehed mill-atturi, teccediex ¼ tal-valur tad-dar 8 Triq Sant'Antnin Zabbar, hekk kif stmata fis-sena 2000 - €69,881, u cioe' €69,881 ÷ 4 = €17,470*

*"Illi ghaldaqstant* ***l-Qorti tqis illi l-legittima tal-atturi kollha ma gietx rispettata****.*

*"Issa fuq skorta tas-sentenzi fuq indikati, gia la darba l-Qorti stabbilit lesjoni tal-porzjon riservat, ghal skopijiet tal-konversjoni, l-legittima tal-atturi trid tigi valutata' bi prezz quotedjan cioe' dak indikat bhala "fil-prezent" fl-iskeda tal-Perit Alan Saliba a fol. 145 tal-process.*

*"Il-valur tal-proprjeta' fil-present kienet €376,000. Ghal kalkoli tal-legittima tal-atturi b'dan il-valur, is-somma ghandha tigi diviza fi tnejn imbaghad b'hamsa. ½ X €376,000 ÷5 =€37,600.*

*"Minn din is-somma irid jitnaqqas il-valur ta' koncessjoni ta' disgha u tletin (39) –il tomna raba' ghal kull wiehed mill-atturi maskili.*

*"Ghaldaqstant ghal-atturi maskili, l-konverzjoni tal-legittima hija €37,600 - €5,850 = wiehed u tletin elf seba' mija u hamsin Ewro (€31,750) , waqt li*

*dik spettanti lil Mary Calleja hija ta' sebgha u tletin elf u sitt mitt Ewro (€37,600)*";

"*Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel u t-tieni u r-raba eccezzjoni, tilqa' t-tielet eccezzjoni parzjalment, tilqa' l-hames eccezzjoni parzjalment, tilqa' t-talbiet tal-atturi u b'referenza ghall-ewwel talba tistabilixxi l-komunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejn il-konjugi Zerafa fil-beni immobbli indikati u stmati ghas-sena 1996 illi jidhru a fol. 145 tal-process u tillikwida s-sehem ta' Carmela Zerafa tal-istess komunjoni tal-akkwisti f'ammont ta' €112,625; tilqa' t-tieni talba attrici, taqsam il-komunjoni tal-akkwisti f'nofs il-proprjetajiet immobbli indikati a fol. 145 tal-process u tassenja nofs l-imsemmija proprjetajiet immobbli lil Joseph Zerafa; tilqa' t-tielet talba u tifforma u tillikwida l-assi ta' Joseph Zerafa, tiddikjara illi dawn jikkonsistu f'nofs il-beni immobbli bi stima tas-sena 2000 indikati f'a fol. 145 tal-process u tillikwida dawn l-assi f'ammont ta' €124,854.5; tilqa' il-hames talba, tiddikjara lil konvenuta unika eredi in vista tar-rinunzja tal-kwota ereditarja tal-atturi b'riserva tal-legittima li qed tigi likwidata kif ser jinghad :*

*"il-legittima ta' Angelo Zerafa hija €31,750*
*"il-legittima ta' Emmanuel Zerafa hija €31,750*
*"il-legittima ta' Grezzju Zerafa hija €31,750*
*"il-legittima ta' Mary Calleja hija €37,600*

*"Tilqa' s-sitt talba u tordna lil konvenuta thallas lill-atturi il-legittima hekk likwidata u cioe' :*

*"il-legittima ta' Angelo Zerafa hija €31,750*
*"il-legittima ta' Emmanuel Zerafa hija €31,750*
*"il-legittima ta' Grezzju Zerafa hija €31,750*
*"il-legittima ta' Mary Calleja hija €37,600*

*"u dan permezz tal-bejgh taht l-Awtorita' ta' din il-Qorti tad-dar 8 Triq Sant Antnin Zabbar u bi hlas ulterjuri ta' €5,500 lil kull wiehed minn Angelo Emanuel u Grezzju Zerafa u bi hlas ulterjuri ta' €11,350 lil Mary Calleja biex jigu sodisfatti l-kwoti tal-legittima tal-atturi kif fuq indikata.*

*"Fic-cirkostanzi l-Qorti taghraf li jkun ghaqli u gust illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.*";

5. L-atturi (minn issa 'l hemm imsejħa "l-atturi appellanti") appellaw mill-imsemmija sentenza b'Rikors tal-Appell tas-26 ta' Novembru, 2014, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-imħarrka bl-ispejjeż kontra tagħha u billi (1)

tikkonfermaha fejn ċaħdet l-ewwel, it-tieni u r-raba' eċċezzjonijiet tal-intimata; (2) tirriformaha billi tiċħad għal kollox it-tielet u l-ħames eċċezzjonijiet; (3) tikkonfermaha fejn laqgħet it-talbiet attriċi u (4) tirriformaha billi (i) tilqa' r-raba' talba attriċi u ssib li s-sehem riżervat tal-atturi subien għandu jkun sehem minn għaxra ($^{1}/_{10}$) tal-wirtijiet tal-ġenituri għal kull wieħed u waħda minnhom fl-ammont ta' sebgħa u tletin elf u sitt mitt euro (€37,600) favur kull appellant, jew somma oħra li din il-Qorti tista' tistabilixxi; (ii) il-valur tas-sehem riżervat għandu jiġi stmat mill-ġdid minn perit maħtur minn din il-Qorti sabiex ikun jirrifletti l-valur tal-wirt illum, wara li l-valur stabbilit mill-ewwel Qorti se jkun ilu determinat aktar minn tmien (8) snin qabel ma tingħata din is-sentenza; (iii) tordna li s-sehem riżervat riżultanti mill-valutazzjoni magħmula jingħatalhom (a) jew lil kull wieħed u waħda minnhom b'ġid mill-wirtijiet *in natura* jew, f'każ li dan ma jkunx jista' jsir bla xkiel, billi l-ġid tal-wirt kollu jinbiegħ f'irkant taħt l-awtorità tal-Qorti u mir-rikavat jitħallas is-sehem lilhom dovut; jew (b) li s-sehem riżervat illikwidat jitħallas lilhom fi flus mill-appellata; jew (ċ) f'każ li huma jiġu ordnati jżommu il-fond 27, Triq Sant'Antnin, Żabbar, b'legat akkont tas-sehem riżervat, allura tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ordnat il-bejgħ ta' dak il-fond b'irkant taħt l-awtorità tagħha, b'dan li l-appellata tħallashom id-differenza f'każ li r-rikavat minn tali rkant ma jilħaqx is-sehem riżervat; (iv) tordna lill-appellata twettaq jew tħallashom is-sehem riżervat b'xi wieħed mill-modi msemmija hawn fuq; (v) tordna lill-appellata tħallashom ukoll l-imgħax bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq is-sehem riżervat lilhom dovut, b'seħħ minn dakinhar li nfetħet il-kawża sal-jum tal-ħlas effettiv; u (iv) tordna li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu

mill-konvenuta jew li huma ma jiġux imġiegħla jħallsu kull wieħed u waħda minnhom aktar minn parti minn għaxra ($^{1}/_{10}$) tal-ispejjeż kollha tal-kawża;

6. Fir-Risposta tal-Appell imressqa minnha fis-17 ta' Diċembru, 2014, l-imħarrka laqgħet għall-imsemmi appell billi qalet li, filwaqt li ma taqbilx mas-sentenza appellata għar-raġunijiet li fissret fl-appell tagħha minnha, qalet li din il-Qorti għandha tiċħad l-appell tal-atturi appellanti billi mhux mistħoqq fil-fatt u fid-dritt, u għandha tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tagħha kif imressqa fit-Tweġiba Maħlufa;

7. Bis-saħħa ta' Rikors tal-Appell imressaq minnha fis-26 ta' Novembru, 2014, l-imħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa l-"intimata appellanti"), talbet li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata u minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tagħha u tiċħad it-talbiet attriċi. Talbet ukoll li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-atturi appellanti. Ir-raġunijiet ewlenin wara t-talbiet imressqa fir-Rikors tal-Appell tagħha huma li (1) l-ewwel Qorti kellha tqis mingħajr effett in-noti ta' rinunzja li ppreżentaw l-atturi appellanti billi b'għemilhom aċċettaw iż-żewġ wirtijiet u ma kien hemm ebda ħtieġa li ssir kontro-talba f'dan is-sens; (2) l-ewwel Qorti żbaljat meta ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni billi l-użufrutt imħolli mill-ġenituri miżżewġin Żerafa lil min jibqa' ħaj minn fosthom ma jgħoddx bħala raġuni ta' sospensjoni tal-preskrizzjoni skond il-liġi; (3) l-ewwel Qorti żbaljat meta mill-massa ereditarji ta' miżżewġin Żerafa ma naqqsitx il-valur tas-serviġi mwettqin minnha; (4) l-ewwel Qorti

żbaljat meta għaddiet biex tkejjel il-valur tas-sehem riżervat fuq il-valur tal-massi ereditarji fil-waqt tal-qasma minflok ma straħet fuq il-valur tal-istess sehem fil-waqt tal-imwiet tar-rispettivi ġenituri; u (5) l-ewwel Qorti żbaljat meta ddeċidiet li l-legat tal-fond numru 8, Triq Sant'Antnin, f'Ħaż-Żabbar ma kienx biżżejjed biex jissodisfa s-sehem riżervat li jistħoqq lill-atturi appellanti;

8. Għal dan l-appell, l-atturi appellanti ressqu Risposta tal-Appell fis-16 ta' Diċembru, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra laqgħu billi, mill-ġdid, qajmu l-kwestjonijiet li semmew fir-Rikors ta' l-Appell tagħhom tas-26 ta' Novembru, 2014, u wieġbu għall-aggravji tal-intimata appellanti;

9. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell magħmula mid-difensuri tal-partijiet waqt is-smigħ tal-14 ta' Jannar, 2020;

10. Rat l-atti kollha tal-kawża;

11. Rat id-degriet tagħha li bih ħalliet l-appell għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

12. Illi l-kawża li minnha tressqu l-appelli fuq imsemmija hija waħda ta' likwidazzjoni ta' wirt u għall-ħlas ta' leġittima (dak li llum jissejjaħ is-sehem riżervat). Bl-azzjoni tagħhom, l-atturi appellanti talbu li ssir il-likwidazzjoni tal-

wirt ta' kull wieħed miż-żewġ ġenituri (kemm parafernali kif ukoll dik in komunjoni), u li, wara li jsir dan, jinħareġ il-valur tas-sehem tagħhom riżervat. Is-sehem qed jintalab mingħand oħthom billi l-atturi rrininjaw għall-wirt taż-żewġ ġenituri. L-ewwel Qorti, filwaqt li laqgħet uħud mill-eċċezzjonijiet imressqa mill-intimata appellanti, laqgħet it-talbiet attriċi. Iż-żewġ partijiet ħassewhom aggravati mis-sentenza appellata u kull naħa minnhom ressqet appell għar-raġunijiet li ssemmew qabel;

13. Illi l-Qorti sejra tibda biex tqis l-**appell imressaq mill-atturi appellanti**, u li fih huma jqajmu għaxar (10) aggravji mis-sentenza appellata. Fil-qosor, l-**ewwel aggravju** jgħid hekk: filwaqt li huma jaqblu li, għall-finijiet tal-komputazzjoni, il-ġid għandu jiġi stmat bil-valur tiegħu dakinhar tal-mewt ta' kull wieħed mill-ġenituri, min-naħa l-oħra, talbu li ssir stima mill-ġdid minn perit imqabbad minn din il-Qorti sabiex l-istima tkun aktar qrib id-data tal-għoti ta' din is-sentenza. Jgħidu wkoll li l-fond 28, Triq Sant'Antnin, f'Ħaż-Żabbar, ma jiswiex daqs kemm ġie stmat mill-Perit maħtur mill-Qorti, u għaldaqstant jeħtieġ li ssir stima mill-ġdid;

14. Illi għal dan l-aggravju l-appellata tgħid li bosta mill-argumenti msemmijin mill-appellanti dwar dan l-aggravju kienu tqajmu qabel ma ngħatat is-sentenza appellata fis-sottomissjonijiet miktuba tagħhom, filwaqt li t-talba għall-ħatra mill-ġdid ta' perit tekniku biex jerġa' jagħmel stima aġġornata tal-ġid tal-wirt hija talba li ma kenitx tressqet quddiem l-ewwel Qorti. Hija tqis ukoll li dan l-aggravju

jikkonsisti f'appell mill-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti u li din il-Qorti ma għandhiex twaqqgħu billi l-ewwel Qorti ma ntweriex li kienet għamlet apprezzament irraġonevoli, ladarba qagħdet fuq il-fehma tal-perit maħtur minnha stess. Minbarra dan, l-istejjem tal-ġid saru minn perit u l-atturi appellanti ma ikkontestaw qatt dawk l-istejjem qabel ingħatat is-sentenza appellata u lanqas inqdew bil-fakultà li jeskutu lill-perit li ħareġ bihom u wisq anqas li jitolbu lill-ewwel Qorti taħtar periti addizzjonali. Dwar dan l-aggravju speċifiku, l-appellata tgħid li qatt ma kien hemm kwestjoni bejn il-partijiet dwar liema liġi kienet tirregola t-talbiet attriċi;

15. Illi din il-Qorti tgħid li l-liġi li għandha tgħodd biex jitqies il-valur tal-ġid tal-ġenituri tal-partijiet għal skop ta' likwidazzjoni huwa, kif tajjeb jgħidu l-atturi appellanti, kif kienet il-liġi fiż-żmien tal-ftuħ tal-wirt ta' kull ġenitur rispettiv[1]. Jidher li l-appellata wkoll taqbel ma' dan. F'dan il-każ, ladarba l-ġenituri t-tnejn mietu qabel l-2004, għandha tgħodd il-liġi fis-seħħ qabel saru l-bidliet fil-Kodiċi Ċivili bl-Att XVIII tal-2004. Fi kwestjonijiet ta' qsim ta' wirt, huwa stabbilit li għandu jittieħed qies tal-valur tal-ishma filwaqt li fih tinfetaħ is-successoni, għaliex huwa dak il-waqt li jnissel l-istat tal-komunjoni li jagħti lok għall jedd li wieħed jitlob fil-qasma[2];

16. Illi l-atturi appellanti, iżda, qegħdin jitolbu li ssir stima mill-ġdid għal żewġ raġunijiet: l-ewwel, billi għadda ħafna żmien minn meta saret il-valutazzjoni mill-

[1] Ara art. 116(2) tal-Att XVIII tal-2004
[2] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Melkisedek Deguara vs Rose Calleja et*** (mhix appellata)

Perit tekniku; it-tieni, billi l-valur mogħti mill-Perit tekniku ma jirriflettix il-valur tal-fond bin-numru 28, Triq Sant'Antnin, f'Ħaż-Żabbar, il-fond li tħalla lilhom b'legat u li l-Qorti fl-aħħar tas-sentenza appellata ordnat li għandu jinbiegħ b'irkant taħt l-awtorità tagħha biex mir-rikavat l-atturi appellati jitħallsu l-leġittima;

17. Illi rigward tat-tieni ilment, il-Qorti taqbel mat-Tweġiba tal-Appell tal-appellata meta tgħid li din it-talba m'għandhiex tintlaqa'. Mill-atti jirriżulta li l-atturi appellanti ma nqdewx bir-rimedji li kienet tagħtihom il-liġi biex jirribattu l-fehmiet tekniċi tal-perit maħtur mill-ewwel Qorti. Fil-fatt filwaqt li l-appellata, fil-waqt xieraq fl-ewwel istanza, ressqet għadd ta' mistoqsijiet lill-Perit tekniku[3], u ngħatat tweġiba għalihom[4], min-naħa tal-atturi appellanti, ma jirriżultax li eskutew lill-imsemmi perit. Lanqas ma jidher li ressqu talba lill-ewwel Qorti biex jinħatru periti addizzjonali, kif kellhom kull jedd li jagħmlu. L-ewwel Qorti straħet fuq il-parir tekniku tal-perit maħtur minnha, u l-istess għandha tagħmel din il-Qorti la darba ma ntweriex fil-grad tajjeb meħtieġ minn min ressaq it-talba li għandha twarrab dik l-istima u toqgħod fuq stejjem oħra;

18. Illi għar-rigward ta' dik il-parti tal-aggravju dwar jekk din il-Qorti għandhiex tordna li ssir valutazzjoni ġdida biex l-istima riżultanti tkun tirrifletti l-valur tal-ġid fuq is-suq qrib id-data tal-għoti ta' din is-sentenza, jingħad li fl-eżerċizzju tal-likwidazzjoni tal-assi tal-wirt għall-finijiet li jiġi stabbilit is-sehem riżervat, wieħed

---

[3] Paġġ. 155 tal-proċess
[4] Paġġ. 160 sa 161 tal-proċess

ma jistax iqis il-potenzjal jew il-possibilitajiet ta' dak il-ġid fil-ġejjieni, ikun kemm ikun probabbli li jiżdied il-valur tiegħu, għaliex kif ingħad aktar 'il fuq, il-jedd għas-sehem riżervat jitnissel mal-ftuħ tas-suċċessjoni li huwa marbut sfiq ma' dik il-ġrajja fil-qafas taż-żmien li tkun seħħet;

19. Illi għal dawn ir-raġunijiet, l-ewwel aggravju tal-atturi appellanti mhuwiex mistħoqq u mhux se jintlaqa';

20. Illi t-**tieni aggravju** jirreferi għal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn, mill-komputazzjoni tal-leġittima dovuta lill-atturi subien appellanti, l-ewwel Qorti naqqset il-valur ta' madwar erbgħin tomna (40T) raba' li missierhom kien dawwar fuq isimhom, u liema fatt l-ewwel Qorti qisitu li kien att ta' donazzjoni. Jgħidu li l-ewwel Qorti qagħdet fuq stima li nġabet mill-intimata appellanti meta l-Qorti ħatret perit tekniku biex jagħmel stejjem tal-immobbli li kien jifforma parti mill-assi tal-ġenituri tagħhom u dan ir-raba' ma stmahx. Iżidu jgħidu li l-ewwel Qorti naqset li tqis li huma kien ilhom jaħdmu r-raba' sa minn qabel mewt ommhom u dan għamluh biex missierhom ma jitlifx il-jedd għal pensjoni; dan minbarra li huma kienu jħallsu l-qbiela lil missierhom sakemm dam ħaj;

21. Illi l-appellata twarrab dan l-aggravju wkoll u tgħid li din hija verżjoni li l-atturi appellanti ħalqu quddiem l-ewwel Qorti fis-sottomissjonijiet tagħhom u ma tmieri bl-ebda mod il-fatt li l-missier dawwar il-qbiela tal-imsemmi raba' fuq l-atturi appellanti subien f'Awwissu tal-1996, wara li kien romol, u għalhekk wara

li l-omm kienet mietet. Tgħid li kien jaqa' fuq l-atturi appellanti l-piż li jippruvaw il-valur xieraq tar-raba' jekk dehrilhom li l-istima mogħtija minnha *ex parte* ma kinitx sewwa, u dan m'għamluhx;

22. Illi jidher li fit-tieni aggravju, l-atturi appellanti jikkontestaw l-apprezzament tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha. B'mod partikolari, l-atturi appellanti jgħidu li l-ewwel Qorti naqset li tqis ix-xogħol li l-atturi appellanti ħadmu mingħajr ħlas fl-għelieqi ta' missierhom u li huma kienu jħallsu l-qbiela lil missierhom. Jgħidu wkoll li missierhom dawwar ir-raba' għal fuqhom biex jevita li l-qbiela tittieħed lura mill-Uffiċju Konġunt peress li kien laħaq l-età tal-irtirar;

23. Illi ngħad kemm-il darba li r-regola hi li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul minn qorti tal-ewwel grad jekk mhux f'ċirkostanzi eċċezzjonali jew meta jkun intwera li dak l-apprezzament ikun wieħed mhux raġonevoli jew mhux mibni fuq il-fatti proċesswali[5]. Dan mitqal, huwa minnu wkoll li "*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ*

---

[5] App. Ċiv. **26.1.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Aġius vs Piju Theuma***

*possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*"[6];

24. Illi huwa fil-qafas ta' dawn il-parametri li din il-Qorti sejra tqis l-aggravju tal-intimati appellanti. Mill-atti jirriżulta li l-Uffiċċju Konġunt[7] għaraf bħala gabillotti tar-raba'[8] lill-atturi appellanti subien ta' raba minflok missierhom taħt titolu ta' qbiela, wara li rat il-ftehim li kien sa bejn il-missier fid-19 ta' Awwissu tal-1996[9], u fuq is-saħħa ta' dak il-ftehim[10]. Il-qbiela, fl-ammont ta' għoxrin lira Maltin (Lm20), kellha titħallas lill-istess Uffiċju Konġunt. Jirriżulta wkoll li r-raba' għaddiet mingħand il-missier favur uliedu 'bla ebda kunsiderazzjoni jew kumpens'[11]. Sa dakinhar tal-imsemmija kitba, il-qbiela kienet tgħajjat lill-missier, u kull arranġament li sata' kien hemm minn żmien qabel bejn l-aħwa subien u missierhom – imqar jekk b'dan kien mgħarraf id-Dipartiment tal-Biedja – ma kienx jibdel din il-qagħda legali;

[6] App. Ċiv. **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Dott. Antoinette Cutajar vs L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et***
[7] Paġ. 94 tal-proċess
[8] Paġ. 91 tal-proċess
[9] Dok f'paġġ. 56 – 7 tal-proċess
[10] Ara ittra tal-Uffiċċju Konġunt 22.1.1997 f'paġ. 94 tal-proċess
[11] Paġ. 192 tal-proċess

25. Illi din il-Qorti tqis li t-talba għall-ħatra ta' perit tekniku, flimkien ma' lista tal-immobbli suġġett għal stima, tressqet lill-ewwel Qorti mill-atturi appellanti nfushom[12], u kien fuq għażla tagħhom li r-raba' tħalliet barra mill-eżerċizzju li ntalab iwettaq il-perit maħtur mill-ewwel Qorti. Il-Qorti tifhem ukoll għalfejn l-atturi appellanti ħadu din il-pożizzjoni, imma dik l-għażla issa torbothom u ma tistax titreġġa' lura. Il-valur li ngħata mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata għar-raba' mertu ta' dan l-aggravju, toħroġ mis-sottomissjonijiet tal-appellata[13], li għaliha l-atturi appellanti ressqu sottomissjonijiet ulterjuri[14], u ndirizzaw dan il-punt;

26. Illi fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti għarblet sewwa ċ-ċirkostanzi fattwali u legali li jolqtu l-każ. Dan kollu seħħ wara li l-partijiet kienu ressqu s-sottomissjonijiet tagħhom, għal darba darbtejn, u kien wara li ngħatat is-sentenza appellata li l-atturi qajmu dan l-aggravju. Fil-fehma tal-Qorti, għaldaqstant, ma ntweriex li l-apprezzament li għamlet l-ewwel Qorti kien wieħed mhux raġonevoli jew mhux mibni fuq il-fatti proċesswali;

27. Illi għal dawn ir-raġunijiet lanqas dan it-tieni aggravju ma huwa mistħoqq u mhux se jintlaqa';

---

[12] Paġ. 121 tal-proċess
[13] Paġ. 182 tal-proċess
[14] Paġġ. 187 sa 194 tal-proċess

28. Illi t-**tielet, ir-raba' u l-ħames aggravji** sejrin jitqiesu flimkien għaliex marbutin ma' xulxin, minkejja li, bħal ta' qabilhom, huma wkoll aggravji sussidjarji fis-sens li l-appellanti qegħdin iressquhom bla ħsara għall-aggravji l-oħrajn. L-ewwel żewġ aggravji jorbtu mar-rinunzja għall-wirt u għal-legat tal-fond fi Triq Sant'Antnin, Żabbar, filwaqt li l-ħames aggravju jittratta dwar kif imissha titħallas il-leġittima. L-atturi appellanti jgħidu li ladarba huma rrinunzjaw għall-wirt tal-ġenituri, il-legat li tħallielhom tal-fond fi Triq Sant'Antnin intilef ukoll. Għaldaqsant, jgħidu li l-ewwel Qorti żbaljat meta ordnat li l-leġittima għandha titħallas mir-rikavat li jġib il-fond wara li jsir il-bejgħ tiegħu. Jgħidu wkoll li l-leġittima għandha titħallas minn kull biċċa ġid li jinsab fil-wirt, u ladarba il-legat imħolli lilhom mhuwiex biżżejjed biex jissodisfa l-leġittima, il-legat ma jistax jiġi mpost fuqhom. Jissuġġerixxu wkoll diversi modi ta' kif il-leġittima għandha tiġi sodisfatta;

29. Illi l-appellata tilqa' għal dawn l-aggravji billi tgħid li l-atturi stess, fis-sottomissjonijiet tagħhom, talbu li jingħataw l-imsemmi fond b'sehemhom mil-leġittima (u, jekk ikun hemm bżonn, ekwiparazzjoni fi ħlas fi flus). Għaldaqstant, tgħid l-argumenti tagħhom li l-ewwel Qorti "wikkiethom" bil-post kontra qalbhom, ma jreġix. Dwar ir-rinunzji, l-appellata tgħid li dawn ma jiswewx ladarba l-atturi appellanti żammew f'idejhom ġid tal-wirt u għamlu b'hekk atti ta' werrieta. Ma taqbilx magħhom ukoll dwar dak li jgħidu fil-ħames aggravju tagħhom dwar kif imissu jitħallas is-sehem lilhom riżervat;

30. Illi l-Qorti jidhrilha li jkun xieraq tfakkar li l-liġi trid li s-sehem riżervat ikun magħmul minn ġid tal-wirt[15], u ma tgħidx li jrid ikun magħmul minn biċċa minn kull ħaġa f'tali wirt[16]. Idejalment il-leġittima trid tingħata *in natura*[17], jiġifieri tkun magħmula minn fost il-ħwejjeġ mill-ġid tal-mejjet li jew jkunu għadhom jagħmlu parti mill-assi tiegħu mal-mewt, jew ikunu ddaħħlu idejalment lura fil-wirt jekk il-mejjet ikun matul ħajtu iddispona b'liberalità minn iżjed minn dak li tagħtih il-liġi. Is-sehem riżervat jinħadem fuq il-wirt kollu (magħdud dak li t-testatur ikun ta b'xejn matul ħajtu wkoll bi ħsieb ta' ż-żwieġ[18]), wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjeż tal-funeral[19] u dak il-ġid kollazzjonabbli li l-leġittimarju ikun ħa mingħand it-testatur[20], u tingħata fi proprjetà sħiħa meħlusa minn kull piż jew kondizzjoni[21]. Fuq kollox, is-sehem riżervat jiġi mgħoddi b'assenjazzjoni u mhux bit-tlugħ tax-xorti[22];

31. Illi fi kwestjoni li tolqot il-likwidazzjoni tas-sehem riżervat huwa ġudizzjarjament stabilit li l-kriterju tal-valutazzjoni tal-ġid kellu jkun dak ta' kemm kien jiswa tali ġid fiż-żmien li nfetaħ il-wirt u fil-kundizzjoni li tali ġid kien dak iż-żmien, u b'mod iżjed preċiż: "*li, għall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta' komputa li hija r-riunjoni fittizja tal-assi ereditarju in kwantu diretta għar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decuius (li l-liġi tikkunsidra bħala terminu*

---

[15] Art. 620(2) tal-Kap 16
[16] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Orazio Cutajar vs Emmanuele Cutajar et*** (mhix appellata)
[17] P.A. **22.5.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Wismayer et vs Wismayer et*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.574**)
[18] Art. 620(3) tal-Kap 16
[19] Art. 620(2) tal-Kap 16
[20] Art. 620(4) tal-Kap 16
[21] Art. 620(1) tal-Kap 16
[22] P.A. **7.1.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna et vs Meli et*** (Kollez. Vol: **LI.ii.696**)

*ta' riferiment għad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless ta' dik indisponibbli, anke biex talvolta tiġi affermata jew eskluża l-eżistenza tal-leżjoni tal-leġittima)* ***bilfors*** *wieħed irid jirriporta ruħu għall-valuri fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni, tenut kont, naturalment, f'dan ir-rigward, tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi relattivi għall-kollazzjoni". Iżda, "jekk il-leġittima ma ġietx sodisfatta u, trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruħha, fil-każijiet fejn dan hu konsentit mil-liġi, fi dritt ta' kreditu fi flus, id-dritt tal-leġittimarju għandu bħala oġġett "un bene reale" u l-"aestimatio rei"* ***għandha tkun riferita għaż-żmien tal-konverżjoni,*** *cioe` ż-żmien l-iktar qrib possibbli għall-pronunzja ġjudizzjali u tenut kont għalhekk* ***ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja***"[23];

32. Illi tali fehma tibqa' sseħħ ukoll jekk kemm-il darba l-jedd tas-sehem riżervat ma jkunx ġie soddisfatt bla ħtija tal-parti li għandha jedd għalih u jkun inbidel fi dritt ta' kreditu li jitħallas fi flus bħala "*aestimatio rei*"[24]. Iżda, f'dak il-każ, il-valur għandu jkun iqarreb il-valur tal-ġid fiż-żmien tal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat[25]. Dawn il-kriterji kollha jfissru li, fl-eżerċizzju tal-likwidazzjoni tal-assi ereditarju għall-finijiet li jiġi stabilit is-sehem riżervat, wieħed ma jistax iqis il-potenzjal jew il-possibilitajiet ta' dak il-ġid fil-ġejjieni (ikun kemm ikun probabbli li jiżdied il-valur tiegħu). Dan joħroġ ukoll mill-fatt li l-jedd għas-sehem

---

[23] App. Ċiv. **10.12.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Conċetta Vella et vs Giuseppe Buġeja et*** (mhix pubblikata)
[24] App. Ċiv. **14.12.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Emilia Mifsud et vs Eleonora Mizzi noe et*** (mhix pubblikata)
[25] App. Ċiv. **28.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Anne Żammit et vs Antonia Ellul et***

riżervat jitnissel mal-ftuħ tas-suċċessjoni u huwa marbut sfiq ma' dik il-ġrajja fil-qafas taż-żmien li tkun seħħet;

33. Illi l-istess ħaġa tingħad jekk, fost il-ġid li jkun hemm fil-wirt, partijiet minnu jkunu tħallew mill-mejjet bħala legati jew prelegati, sakemm ma jkunx b'hekk inqabeż is-sehem li minnu l-istess mejjet seta' iddispona. Hija dejjem l-għażla w id-diskrezzjoni tal-Qorti li tqis jekk għandhiex issir assenjazzjoni skond *in natura* tal-ġid lil-leġittimarju. Ix-xewqa tal-liġi li s-sehem riżervat ikun magħmul minn ġid tal-wirt skond in-natura tiegħu tista' ma titwettaqx jekk kemm-il darba, biex isir hekk, iseħħ preġudizzju għall-ġid tal-istess wirt. Bħalma jseħħ fir-regoli dwar jekk ishma f'wirt jistgħux jinqasmu f'ammonti ndaqs, hekk ukoll hawnhekk, fejn ikun meħtieġ li xi sehem jingħata jew irid iħallas lil sehem ieħor somma qawwija f'ekwiparazzjoni, l-għażla għandha tkun favur il-ħlas ta' somma u mhux favur qasma artifiċjali;

34. Illi l-fatt li l-atturi appellanti jgħidu li ladarba huma irrinunzjaw għal kollox għall-wirt, irrinunzjaw ukoll għal-legat, ma jfissirx li b'daqshekk il-ħaġa li kienet tħallitilhom b'legat ma tibqax tgħodd biex tingħatalhom bi ħlas tas-sehem riżervat spettanti lilhom. Il-Qorti diġà wriet li l-argument tal-appellanti li t-tqassim *in natura* jfisser li jmisshom sehem minn kull ħaġa li hemm fil-wirt huwa argument ħażin għaliex dan ikun ifisser li, f'kull każ fejn werriet jirrinunzja għal wirt, tkun trid issir il-qasma tal-ġid kollu tal-wirt minkejja li l-werrieta l-oħrajn ikunu aċċettaw l-eredità. Meta l-liġi (kienet) tgħid li l-leġittimarju kellu l-jedd li l-

leġittima tingħatalu f'ġid tal-wirt *in natura*, kienet tfisser li għalkemm il-ġid kollu tal-wirt kellu jitqies biex joħroġ is-sehem tiegħu minnu, ma kellux il-jedd li jieħu biċċa minn kull ħaġa fil-wirt b'sodisfazzjoni ta' dak is-sehem;

35. Illi l-ewwel Qorti qieset li l-ġid tal-miżżewġin Żerafa kien jikkonsisti f'dar bin-numru 66, Triq Spadaro, f'Ħaż-Żabbar, fid-dar fi Triq Sant'Antnin, bin-numru 8, ġewwa Ħaż-Żabbar, fil-garaxx bin-numru 68, Triq Spadaro, Żabbar u fil-qabar tal-familja. Jirriżulta li fil-fond 66, Triq Spadaro, Żabbar, tgħix l-intimata appellanti flimkien mal-familja tagħha, filwaqt li l-fond 8, Triq Sant'Antnin, Żabbar, huwa battal. L-ewwel Qorti jidher li qieset dawn il-fatturi flimkien mal-parir tekniku mogħti mill-espert maħtur minnha, u waslet għall-fehma li ladarba l-fond numru 8, Triq Sant'Antnin, Żabbar, kellu valur intrinsiku li seta' jakkomoda l-leġittima dovuta lill-atturi appellanti, ordnat li l-leġittima tingħata mill-bejgħ ta' dan il-fond u b'hekk ukoll ħarset ir-regola li l-leġittima tingħata fi ħwejjeġ tal-wirt *in natura*;

36. Illi din il-Qorti jidhrilha li diġà indirizzat dawn l-aggravji tal-atturi appellanti f'dan ir-rigward[26], u tqis li ma tarax li għandha tfixkel id-diskrezzjoni mħaddma mill-ewwel Qorti meta "assenjat" lill-atturi appellanti l-fond fi Triq Sant'Antnin b'sehemhom mil-leġittima, flimkien mal-ekwiparazzjoni stabilita fl-istess sentenza. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha torbot il-likwidazzjoni tal-valur tas-sehem riżervat magħmula mill-ewwel Qorti mal-kwestjoni tal-inċertazza tal-

---

[26] §§ 30 – 31 *supra*

ammont ta' rikavat li l-fond jista' jġib jekk u meta jinbiegħ b'irkant, jew trasferit mod ieħor mill-atturi appellanti. L-għan ta' sentenza huwa li jtemm il-pendenzi bejn il-partijiet u mhux iħallihom fi stat ta' inċertezza. Il-biżgħa tal-atturi appellanti li f'każ li jitfgħu l-post f'irkant ġudizzjarju ma jġibx il-prezz li bih stmah il-perit ġudizzjarju ma jwassalx b'daqshekk għall-ħolqien ta' jedd li l-appellata "tissussidjahom" fuq in-nuqqas tal-istess rikavat. Hekk ukoll f'każ li l-appellanti jseħħilhom iġibu rikavat ogħla għall-post minn dak li stmah il-perit, ma jobbligahomx jirrifondu lill-appellata dak l-eċċess;

37. Illi għaldaqstant, lanqas dawn l-aggravji ma huma mistħoqqa u mhux se jintlaqgħu;

38. Illi fis-**sitt, is-seba' u t-tmien aggravji** l-atturi appellanti jqajmu mill-ġdid il-kwestjoni tal-liġi li għandha tirregola l-jedd tagħhom u kif imissu jingħatalhom is-sehem tagħhom u li jekk kemm-il darba s-sehem ma jistax jingħatalhom *in natura*, ikollu jingħatalhom fi ħlas ta' somma flus;

39. Illi l-Qorti ssib li dawn l-aggravji jtennu aggravji li tressqu aktar qabel u li dwarhom din il-Qorti tat il-fehma tagħha f'din is-sentenza[27] u filwaqt li ttennihom, iżżid tgħid li l-eżerċizzju mwettaq mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata ħares it-tħaddim tal-liġi li kienet tgħodd għall-każ u wassal ukoll biex is-sehem riżervat

[27] §§ 15, 30 u 33 *supra*

tatu f'ġid tal-wirt *in natura*, sewwasew kif jitolbu l-atturi appellanti. Għalhekk, ma għandhiex xi żżid aktar dwar dan l-aggravju;

40. Illi d-**disa' aggravju** jittratta dwar l-ispejjeż tal-kawża. L-ewwel Qorti ordat li l-ispejjż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet, filwaqt li l-atturi appellanti jisħqu li m'għadhomx ibatu spejjeż għar-raġunijiet li jirriżultaw minn interpellazzjoni li saret qabel il-ftuħ tal-kawża, jew f'każ li jintalbu jħallsu l-ispejjeż, l-ammont ma jkunx aktar minn parti minn għaxra ($^1/_{10}$) għal kull wieħed minnhom, li hu s-sehem li jispetta lilhom mill-leġittima;

41. Illi l-appellata tisħaq li din il-kawża nfetħet għal xejn għax il-fond fi Triq Sant'Antnin, Żabbar, imħalli lilhom b'legat kien biż-żejjed biex minnhu titħallas il-leġittima, u għalhekk imisshom iħallsu l-ispejjeż kollha;

42. Illi l-Qorti tqis li fit-Tweġiba Maħlufa, l-intimata appellanti fl-ebda stadju ma għarfet id-dritt tal-atturi appellanti għall-ħlas tal-leġittima;

43. Illi l-Qorti tqis ukoll li, lil hinn minn dak li ssemma qabel u mill-kunsiderazzjonijiet li sejra tagħmel aktar 'il quddiem dwar l-appell tal-intimata appellanti, ma jidhirx li l-kawża nfetħet għal xejn. Jidher ukoll li t-talbiet attriċi ntlaqgħu fil-biċċa l-kbira minnhom, u l-għamla ta' kawża li tressqet titlob li l-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-partijiet skond l-ishma rispettivi tagħhom. Għaldaqstant id-disa' aggravju huwa mistħoqq u ser jintlaqa';

44. Illi taħt l-**għaxar aggravju**, l-atturi appellanti jgħidu li l-ewwel Qorti żbaljat li ma tathomx imgħaxijiet fuq il-leġittima, u dan skond kif kien provdut taħt il-liġi qabel t-tibdiliet li ddaħħlu fis-sena 2004 lil-liġi tal-leġittima. L-atturi appellanti jgħidu li, fin-nuqqas, għandu japplika fil-konfront tagħhom l-artikolu 615(2) tal-Kodiċi Ċivili, u l-imgħax jibda jgħodd minn dakinhar li l-imħarrka laqgħet in-notifika tal-atti tal-kawża fit-22 ta' Frar, 2007;

45. Illi l-appellata tiċħad li għandhom jingħataw imgħaxijiet. Tgħid li l-imgħaxijiet jingħataw f'każ ta' danni għad-dewmien, filwaqt li f'din il-kawża sehem tal-atturi appellanti huwa *in natura* u mhux jedd ta' kreditu;

46. Illi huwa prinċipju li s-sehem riżervat inissel il-jedd għall-imgħaxijiet favur min għandu jedd għalih. Tali mgħax jibda għaddej minn dak inhar li jinfetaħ il-wirt. Imma jitqies biss fuq is-sehem li jkun imiss lil-leġittimarju w mhux fuq il-ġid kollu tal-wirt[28]. F'dan il-każ, is-sentenza appellata tassew illikwidat biċċa mis-sehem dovut lil kull wieħed u waħda mill-atturi appellanti f'assenjazzjoni ta' ġid immobbli *in natura* tal-wirt, iżda tat ukoll somom b'ekwiparazzjoni lil kull wieħed u waħda minnhom għaliex sabet li dak il-fond waħdu ma kienx jissoddisfa l-jedd tal-atturi u, minbarra dan, ma kienx tħares is-sehem imsemmi meta t-testaturi ħallew bi prelegat lill-appellata l-fond fi Triq Spadaro f'Ħaż-Żabbar;

---

[28] PA **16.5.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Said vs Borġ Grech noe et*** (Kollez. Vol. **XXXIV.ii.568**)

47. Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti ssib li dan l-aggravju huwa mistħoqq u li jixraq li l-imgħax jimxi favur l-atturi appellanti fuq is-somom stabiliti fis-sentenza appellata b'seħħ minn meta l-appellata laqgħet in-notifika tal-atti tal-kawża;

48. Illi l-atturi appellanti jilmentaw ukoll minn żewġ eċċezzjonijiet li ġew milqugħa mill-ewwel Qorti. Eċċezzjoni minnhom (il-ħames eċċezzjoni) titkellem dwar jekk mill-kalkolu tal-ġid fil-wirt għandux jitnaqqas il-ġid li l-atturi ħadu mingħand il-ġenituri tagħhom. Dwar din il-kwestjoni, din il-Qorti tat il-fehma tagħha aktar qabel[29] u kienet tifforma l-mertu tat-tieni aggravju. L-eċċezzjoni l-oħra (it-tielet eċċezzjoni, dik dwar id-data ta' meta għandhom jiġu stmati l-ġid tal-miżżewġin Żerafa) tirreferi għall-kunsiderazzjonijiet illi kienu jifformaw il-mertu tal-ewwel aggravju, li din il-Qorti wkoll stħarrġithom qabel[30], u għalhekk ma tara l-ebda ħtieġa li terġa' tikkummenta dwarhom;

49. Illi l-Qorti se tgħaddi biex tqis **l-appell tal-intimata appellanti**. Fl-appell tagħha, l-appellanti tqajjem ħames (5) aggravji. Fil-qosor, dawn huma: (i) li l-ewwel Qorti messha ma aċċettatx ir-rinunzji tal-atturi għall-wirt tal-ġenituri tagħhom bħala atti li jiswew; (ii) li l-ewwel Qorti messha laqgħet l-eċċezzjoni li l-azzjoni attriċi kienet waqgħet bil-preskrizzjoni; (iii) li l-ewwel Qorti, minkejja li għarfet il-fatt li l-appellanti tat serviġi lill-ġenituri tagħha u qieset li dak id-dejn kien imħallas bil-post li tħallhielha b'legat, żbaljat meta naqset li tnaqqas il-valur ta' dak il-ġid mill-kalkolu tal-assi tal-wirt tal-istess ġenituri; (iv) li l-ewwel Qorti

[29] §§ 25 – 26 *supra*
[30] § 15 *supra*

ma messhiex ikkomputat il-leġittima fuq kemm kienu jiswew il-wirtijiet fiż-żmien tal-għoti tas-sentenza, minflok kemm kienu jiswew fiż-żmien li nfetaħ il-wirt ta' kull wieħed mill-ġenituri; u (v) li l-ewwel Qorti żbaljat meta qieset li l-post assenjat lill-atturi appellanti ma kienx biżżejjed biex jissodisfa l-ħlas tal-leġittima dovuta lilhom;

50. Illi fl-**ewwel aggravju** tagħha, l-intimata appellanti tqajjem il-kwestjoni tas-siwi tar-rinunzji min-naħa tal-atturi appellati għall-wirt tal-ġenituri tagħhom. Hija tgħid li l-ewwel Qorti żbaljat meta ma sabetx li r-rinunzji tal-atturi appellanti tat-28 ta' Novembru, 2006, kienu invalidi. Fi kliem l-intimata appellanti, wara l-mewt ta' ommhom, l-atturi appellanti għamlu atti ta' eredità jew ħadu pussess tal-wirt. Tikkontesta wkoll ir-raġuni mogħtija mill-ewwel Qorti biex ċaħditilha dik l-eċċezzjoni, jiġifieri li ma tressqet ebda kontro-talba mill-intimata appellanti biex ixxejjen in-noti ta' rinunzja, kif ukoll meta qieset in-nuqqas ta' provi b'sostenn tax-xilja tagħha, u tgħid li dawk kienu kunsiderazzjonijiet żbaljati min-naħa tal-ewwel Qorti;

51. Illi l-atturi appellati jwarrbu dan l-aggravju u jisħqu li s-siwi tar-rinunzja tagħhom ma setgħetx titqajjem b'eċċezzjoni, imma b'azzjoni għaliha jew azzjoni rikonvenzjonali. L-appellanti ma għamlet l-ebda waħda minn dawn. Lil hinn minn hekk, huma jiċħdu li sa xi waqt qabel irrinunzjaw għall-wirt, kienu wettqu xi atti ta' werrieta jew impikaw li kienu qegħdin joqogħdu għall-wirt;

52. Illi l-Qorti ssib li r-rinunzja magħmula mill-atturi dwar il-wirt tal-ġenituri tagħhom tħares dak li titlob il-liġi fis-sura tagħha[31]. Għall-kuntrarju tal-aċċettazzjoni ta' wirt, ir-rinunzja tgħodd biss meta tkun waħda espressa[32] u ssir fl-għamla maħsuba fil-liġi. Huwa meqjus li ladarba tkun saret rinunzja bħal din fis-sura mitluba, dik tkun ukoll rinunzja għall-wirt fis-sustanza. Mar-rinunzja, u mhux qabel, jitnissel il-jedd li wieħed jitlob is-sehem riżervat minn dak il-wirt rinunzjat[33]Ir-raġunijiet li l-liġi taħseb għalihom biex werriet ma jistax jirrinunzja għal wirt[34] huma l-eċċezzjoni għall-effettività ta' rinunzja magħmula. Minbarra dan, il-piż tal-prova li min irrinunzja għal wirt ma setax jagħmel dan, jew li wettaq għemejjel ta' werriet, jaqa' fuq min jallega dak l-għemil[35]. F'każ li jibqa' dubju, wieħed għandu jqis li l-wirt kien rinunzjat[36];

53. Illi l-intimata appellanti tgħid li l-appellati ħutha subien ma setgħu qatt irrinunzjaw għall-wirt tal-ġenituri tagħhom minħabba li kellhom f'idejhom ir-raba' imsejjaħ "Tad-Demel" u kif ukoll minħabba li, minn jeddhom, iddisponew minn tagħmir tal-biedja li kien jinsab f'dak il-qasam. Fl-ewwel lok, jibda biex jingħad li din l-eċċezzjoni tal-intimata appellanti ma tgħoddx għall-attriċi appellata Mary Calleja, għaliex il-fatti attribwiti mill-appellanti f'din l-eċċezzjoni jirreferu għal ċirkostanzi li lil Calleja ma jolqtuhiex żgur. Għalhekk, ma nġabet lanqas l-iċken prova li r-rinunzja li għamlet l-attriċi appellata Mary Calleja ma kinitx tgħodd jew

[31] Art. 860 tal-Kap 16
[32] App. Ċiv. **25.11.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi vs Manġion et*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.423**)
[33] P.A. **16.12.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Debono vs Licari et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.620**)
[34] Ara, b'eżempju, art. 869 u 870 tal-Kap 16
[35] P.A. **14.12.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Rosario Ferro Attard Montalto vs Charles Vella Bonavita et*** (mhix pubblikata) konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-**29.5.1967**(Kollez. Vol: **LI.i.340**)
[36] P.A. **30.10.1884** fil-kawża fl-ismijiet ***Manġion et vs Deguara*** *(*Kollez. Vol: **X.596**)

li l-istess attriċi wettqet atti ta' werrieta dwar xiħaġa mill-wirtijiet tal-ġenituri tagħha. Fir-rigward tal-atturi appellati l-oħrajn, dawn imieru għal kollox li huma wettqu atti ta' werrieta u jfissru li t-tagħmir li kien hemm fir-raba' kienu xtrawh qabel mietet ommhom[37] u għalhekk ma kienx jagħmel mill-wirt tagħhom aktar. Huma jgħidu li r-raba' kien ilu li ngħatalhom minn missierhom sa minn meta kienet għadha ħajja ommhom ukoll u lil missierhom kien jħallsuh sehemhom mill-qbiela tal-istess raba';

54. Illi l-Qorti jidhrilha li l-intimata appellata ma seħħilhiex issostni l-eċċezzjoni tagħha li ħutha l-atturi kienu aċċettaw il-wirt tal-ġenituri tagħhom. Ma ntwera bl-ebda mod li tali aċċettazzjoni kienet saret imqar b'mod impliċitu jew li min-naħa tagħhom twettqu xi azzjonijiet li jistgħu jitqiesu bħala atti ta' ereditā[38]. Fuq kollox, ir-raba' kien jgħajjat bi qbiela lil missierhom u ċ-ċessjoni ta' dak il-jedd favur uliedu s-subien saret matul ħajtu u bosta snin qabel miet, u s-sid (l-Uffiċċju Konġunt) għarafhom bħala l-gabillotti l-ġodda waqt li missierhom kien għadu ħaj. Għalhekk, jekk l-eċċezzjoni tal-intimata appellanti tistrieħ biss fuq din iċ-ċirkostanza, ma seta' jkun qatt li minħabba f'hekk l-atturi appellati setgħu jitqiesu li kienu aċċettaw il-wirt. Wara kollox, il-liġi tgħid b'mod ċar li r-rinunzja ta' wirt ta' persuna li tkun għadha ħajja ma tgħoddx[39];

[37] Ara d-dok f'paġ. 44 tal-proċess li jġib id-data tat-18 ta' Ottubru, 1995
[38] Ara App. Ċiv. **30.4.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia et vs Farruġia et*** (Kollez. Vol: **XLVI.i.214**)
[39] Art. 871 tal-Kap 16

55. Illi l-Qorti ssib li l-eċċezzjoni ma tiswiex għaliex ma kenitx ippruvata fi grad tajjeb kif issemma qabel, u mhux daqstant minħabba l-fatt li l-eċċipjenti ma kinitx ikkontestat is-siwi tar-rinunzji f'ġudizzju għalih jew f'talba rikonvenzjonali. Hawnhekk ukoll, jgħodd dak li ngħad qabel dwar l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti;

56. Illi, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, u mhux neċessarjament għal-istess raġunijiet mogħtija mill-ewwel Qorti, il-Qorti mhix qed tilqa' dan l-aggravju tal-intimata appellanti;

57. Illi t-**tieni aggravju** tal-intimata appellanti huwa dak marbut mal-wirt tal-omm u jekk l-azzjoni attriċi waqgħetx billi għadda ż-żmien li fih setgħet titressaq fir-rigward ta' dak il-wirt. Fi kliem l-intimata appellanti, l-ewwel Qorti naqset meta qieset li l-werriet ma għandux il-pussess *animo domini* tal-ġid tal-wirt sakemm dak il-ġid ikun qed jitgawda mis-superstiti b'użufrutt, u għaldaqstant iż-żmien sabiex setgħet titressaq talba għall-ħlas tal-leġittima mill-atturi appellati fuq l-eredità ta' ommhom kien sospiż bl-użufrutt favur il-missier sakemm baqa' ħaj;

58. Illi l-intimata appellanti tfisser l-aggravju tagħha billi żżid tgħid li l-użufruttwarju meta kien qed iżomm il-ġid f'isem ħaddieħor, kien fil-fatt qed iżomm il-ġid f'isem il-werriet li fih hija vestita l-proprjetà sħiħa tal-ġid. Għaldaqstant, tgħid li fiż-żmien bejn meta mietet ommhom għal meta miet

missierhom, hija ippossjediet il-ġid *animo domini* filwaqt li missierha kien qed iżomm il-ġid tal-wirt f'isimha. L-għaxar snin li fih kellha titressaq l-azzjoni, għaldaqstant, għalaq mal-għaxar snin mill-jum tal-mewt tal-omm;

59. Illi l-atturi appellati, min naħa l-oħra, jgħidu li tul iż-żmien bejn il-mewt tal-omm u dik tal-missier, iż-żmien kien wieqaf għaliex il-pussess tiegħu tal-assi tal-wirt ta' martu premorta kien pussess prekarju. Huma jtennu wkoll il-bixra tal-ġurisprudenza dwar l-għamla u n-natura taż-żmien maħsub fl-artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili, u jisħqu li l-azzjoni mibdija minnhom tressqet f'waqtha;

60. Illi huwa stabilit li ż-żmien ta' għaxar snin mill-ftuħ tal-wirt imsemmi fl-artikolu 845 tal-Kodiċi huwa wieħed preskrittiv u mhux ta' dekadenza[40], u għalhekk jgħoddu għalih ir-regoli li jħarsu l-preskrizzjoni, magħduda dawk li jirregolaw l-impediment, is-sospensjoni u wkoll il-ksur ta' dak iż-żmien. Minbarra dan, dik il-preskrizzjoni hija waħda akkwiżittiva[41]. Biex tirnexxi l-eċċezzjoni taħt l-imsemmi artikolu, irid jintwera li min ikun ġie mfittex biex irodd il-ħaġa mħollija b'wirt lill-parti attriċi, irid ikun żamm pussess sħiħ ta' l-ħaġa mitluba daqslikieku kienet tiegħu (*animo domini*) għaż-żmien kollu preskrittiv[42]. Jeħtieġ jintwera wkoll li, għal tul dak iż-żmien kollu, min ikun żamm f'idejh dawk il-ħwejjeġ tal-wirt ikun għamel hekk b'*bona fidi*[43]. Minħabba li l-bona fidi hija preżunta, min jallega l-mala fidi jrid jipprova allegazzjoni bħal dik[44];

---

[40] P.A. **22.10.1937** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonello vs Bruno Olivier et*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.1249**)
[41] App. Ċiv. **29.1.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Briffa et vs Scicluna*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.21**)
[42] P.A. **19.5.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Ellul Boniċi vs Apap Bologna et noe*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.1022**)
[43] App. Ċiv. **29.1.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Briffa vs Scicluna*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.21**)
[44] Art. 532 tal-Kap 16

61. Illi f'dan il-każ, il-miżżewġin Żerafa ħallew il-prelegati f'isem uliedhom permezz ta' testment tal-20 ta' Ġunju, 1996. Carmena Żerafa mietet fis-27 ta' Lulju, 1996, filwaqt li Joseph Żerafa miet fit-2 ta' Settembru, 2000. Sa ma ġie nieqes Joseph Żerafa, il-wirt tal-omm kien suġġett (għall-biċċa l-kbira minnu) għall-użufrutt favur tiegħu, skond ma jirriżulta fit-tieni klawżola tal-imsemmi testment. Minħabba li kemm l-użufruttwarju u kif ukoll il-leġittimarju (fiż-żmien rilevanti ta' dan il-każ) jistgħu jitqiesu t-tnejn bħala prelegatarji[45], l-atturi appellati ma setgħux jitolbu l-immissjoni fil-pussess tal-legat qabel ma jkun intemm l-użufrutt favur missierhom. Minbarra dan, il-missier ma setax ippreskriva favurih l-interessi ġejjin mill-wirt ta' martu, ladarba, bħala użufruttwarju[46], huwa ma kienx qed iżomm dak il-ġid f'ismu, u għalhekk iż-żmien preskrittiv lanqas biss seta' jibda miexi[47]. Min-naħa l-oħra, minħabba li ż-żmien preskrittiv maħsub fl-artikolu 845 huwa akkwiżittiv, kien jaqa' fuq l-intimata appellanti eċċipjenti biex tgħid favur min kien għadda dak iż-żmien. Din il-Qorti ssib li żgur ma setax jimxi favur l-istess eċċipjenti, mhux biss għaliex, sa kemm dam ħaj missierha, ma kinitx pussessur waħdieni tal-ġid ta' ommha *animo domini*, imma lanqas biss kienet il-pussessur waħdieni, billi, sa dakinhar li l-atturi appellati irrinunzjaw għall-wirt tal-omm, huma kienu msejħa bħala "nudi proprjetarji" tal-istess ġid flimkien mal-istess oħthom l-intimata, u komproprjetarju ma jistax jippreskrivi

---

[45] P.A. **8.5.1897** fil-kawża fl-ismijiet ***Apap Bologna vs Delicata*** (Kollez. Vol: **XVI.ii.46**); App. Ċiv. **17.3.1911** fil-kawża fl-ismijiet ***Albanese vs Caruso*** (Kollez. Vol: **XXI.i.301**); App. Ċiv. **30.3.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Borg vs Borg*** (Kollez. Vol: **XXIX.i.581**) fost oħrajn
[46] App. Ċiv. **22.6.1877** fil-kawża fl-ismijiet ***Agius Grech Delicata vs Grech Delicata et*** (Kollez. Vol: **VIII.267**) u P.A. JA **5.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph D'Amico vs David D'Amico et*** (mhix appellata)
[47] Art. 2118 tal-Kap 16

għalih waħdu l-ġid komuni billi jibdel għalih innifsu r-raġuni li għaliha jkun iżomm il-ħaġa[48];

62. Illi fuq is-saħħa ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ewwel Qorti sabet sewwa meta qieset li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqajma mill-intimata appellanti ma kinitx tajba u lanqas mistħoqqa fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għaldaqstant, lanqas it-tieni aggravju tagħha mhu ser jintlaqa';

63. Illi fit-**tielet aggravju** tagħha l-intimata appellanti tgħid li l-ewwel Qorti żbaljat meta mill-valur kumplessiv tal-ġid tal-wirt, ma naqqsitx il-valur tal-legat rimuneratorju li ħallewlha l-ġenituri tagħha talli daret bihom u ħadet ħsiebhom sal-aħħar ta' ħajjithom, kif talbet li għandu jsir fir-raba' eċċezzjoni tagħha. Hija tgħid li, ladarba missierha w ommha stqarrew fit-testment tagħhom *unica charta* li kienet daret bihom u ħallewlha b'legat ta' ħlas il-post fi Triq Spadaro f'Ħaż-Żabbar, dak kien għarfien ta' dejn lejha u l-post hekk imħolli b'legat kellu jitnaqqas mill-ġid tal-wirt bħalma jitnaqqsu d-djun kollha tal-wirt meta jiġi biex jitqies is-sehem riżervat;

64. Illi, min-naħa tagħhom, l-atturi appellati jgħidu li dan l-argument qatt ma tressaq bħala eċċezzjoni, għaldaqstant l-ewwel Qorti ma kelliex tqisu. Isostnu li l-uniku aċċenn għal serviġi fit-Tweġiba Maħlufa, tinstab fir-raba' eċċezzjoni li

[48] Art. 2121(1) tal-Kap 16

tgħid li "fil-komputazzjoni tal-assi ereditarji tal-istess ġenituri, għandhom jitnaqqsu l-ammonti kollha dovuti minnhom lill-eċċipjenti Michelina Azzopardi b'kumpens għas-serviġi reżi minnha lilhom". F'dik l-eċċezzjoni, ma saret l-ebda tismija tal-legat remuneratorju u lanqas tal-post imħolli b'legat lill-intimata appellanti. Itennu li ladarba l-intimata appellanti tħalliet dan il-prelegat, ma hemm ebda serviġi li għalihom trid tiġi kumpensata;

65. Illi jidher li l-ewwel Qorti qieset ir-raba' eċċezzjoni tal-intimata appellanti bħala talba sabiex jitnaqqas ammont mill-ġid tal-wirt bħala kumpens għas-serviġi li hija tat lill-ġenituri tagħha. Kemm hu hekk, l-ewwel Qorti qieset it-tielet klawsola tat-testment tal-ġenituri bħala l-likwidazzjoni tal- kumpens li l-intimata rċeviet mingħand il-ġenituri tagħha għal tali serviġi, u tenniet li tnaqqis ieħor ikun isarraf għal kalkolu doppju ('*double computing*');

66. Illi huwa aċċettat li s-sehem riżervat tal-wirt jinħadem fuq ir-*relictum et donatum* kollu[49]. Biex isir il-likwidazzjoni tal-ġid ereditarju li minnu jinħareġ il-valur tas-sehem riżervat, irid qabel xejn jiġi determinat x'inhu l-attiv – *relictum* u *donatum* – u x'inhu l-passiv, u biex jiġi determinat x'inhu tassew il-passiv irid issir l-istħarriġ tad-djun li jgħabbu l-wirt, fosthom id-dejn għal serviġi;

67. Illi l-Artikolu 705 tal-Kodici Civili kif ukoll it-tagħlim ta' din il-Qorti jtennu li "*sabiex legat testamentarju jista' jitqies bħala rimuneratorju, dan irid jirriżulta*

[49] Art. 620 tal-Kap. 12

*biċ-ċar u espressament mit-testment u mhux minn provi barranin. Irid għalhekk jirriżulta mid-dispożizzjoni testamentarja li hemm l-element ta' korrispettività u mhux sempliciment ir-rieda li tiggratifika b'att ta' liberalità*"[50];

68. Illi l-legat remuneratorju mħolli minn testatur bi ħlas tas-serviġi li tkun għamlet miegħu l-persuna gratifikata b'dak il-legat jammonta għal stqarrija tad-dejn tat-testatur lejn il-persuna gratifikata għal dawk is-serviġi, u għaldaqstant bħala rikonoxximent li jikser il-preskrizzjoni tal-azzjoni għall-ħlas ta' dawk is-serviġi[51];

69. Illi ingħad ukoll li "*lanqas ma huwa konklużiv il-fatt illi fit-testment jingħad illi l-legat huwa rimuneratorju; li kieku d-dikjarazzjoni tat-testatur kienet determinanti u konklużiva, kien ikun faċli wisq għat-testatur illi jevadi d-disposizzjonijiet dwar is-sehem riżervat bil-fatt biss li jgħid illi l-legat huwa rimuneratorju. Naturalment, id-dikjarazzjonjiet tat-testatur huma element ta' prova, forsi wkoll qawwija, iżda mhux dejjem u bilfors huma biżżejjed. Biex ma tkunx stultifikata l-liġi huwa meħtieġ illi ssir il-prova tan-natura rimuneratorja tal-legat. ... ... Illi jekk ma ssirx il-prova li għandhom jagħmlu l-konvenuti u l-legati għalhekk jitqiesu bħala liberalitajiet u mhux ħlas ta' dejn, dan ma jfissirx illi bilfors jitnaqqsu, għax xorta jista' jiġri li fil-wirt hemm attiv ieħor biżżejjed biex*

[50] App. Ċiv. **2.5.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Frances Mizzi et vs Rose Anne Galea et*** § 48
[51] P.A. **6.10.1951** fil-kawża fl-ismijiet ***Cutajar vs Xuereb et*** (Kollez. Vol: **XXXV.ii.484**)

*minnu jitħallas is-sehem riżervat, iżda dan ma jeżentax mill-ħtieġa illi ssir il-prova sabiex jista' jiġi likwidat l-assi ereditarju u jinħadem is-sehem riżervat.*"[52];

70. Illi għalkemm mill-atti jirriżula li l-intimata appellanti daret bil-ġenituri tagħha tul ħajjithom, ma jirriżultax li l-ġenituri tagħha kienu morda fit-tul, jew li kienu jiddependu minnha jew kellhom xi marda li kienet teħtieġ attenzjoni kontinwa. L-appellanti jidher li tqis li l-kumpens mistħoqq lilha jitla' għall-valur kollu tal-post imħolli lilha b'legat. Huwa minħabba f'hekk li tgħid li l-imsemmi ġid irid jinqata' kollu mill-kalkolu tal-ġid tal-wirt tal-ġenituri. Forsi kien minħabba f'hekk ukoll li dehrilha li ma kellhiex tressaq ebda prova biex jew prospett li juru kemm kienet qiegħda tippretendi bi ħlas talli daret bil-ġenituri tagħha. Ix-xhieda tagħha f'dan ir-rigward, waqt li lejalment issemmi li oħtha l-attriċi appellata ġieli kienet tagħti s-sehem tagħha mal-ġenituri, fissret fiex kienu jikkonsistu s-serviġi tagħha lill-ġenituri tagħha u kif ukoll kellha tnaqqas il-ħinijiet tax-xogħol minħabba tali impenn[53]. Madankollu ma ressqet l-ebda prospett biex tillikwida l-pretensjonijiet tagħha, u għalkemm tgħid li mal-affidavit tagħha kienet qiegħda tehmeż xi dokumenti, fl-atti tal-kawża ma jinstabux;

71. Illi din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-intimata appellanti li s-serviġi dovuti lilha jammontaw għall-valur kollu tal-post imħolli lilha b'legat. Għalhekk, jekk kellu jsir tnaqqis mill-ġid tal-wirt minħabba dak id-dejn, ma għandux ikun tnaqqis ta' kemm jiswa b'kollox dak il-post. Il-Qorti tgħid li bit-tħollija lilha tal-

[52] App. Ċiv. **12.2.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Vella pro et noe vs Salvu Vella et*** § 15
[53] Affidavit tagħha f'paġġ. 105 – 6 tal-proċess

post imsemmi b'legat, l-intimata appellanti tħallset sewwa tal-pretensjonijiet tagħha dwar serviġi, iżda tqis li l-post imħolli lilha kien jisboq il-valur tas-serviġi li tat liż-żewġ ġenituri tagħha;

72. Illi għalhekk, filwaqt li l-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju huwa mistħoqq, il-Qorti trid, fin-nuqqas ta' provi aktar ċerti u tanġibbli, tqis kemm jistħoqq jitqies bħala "dejn" tal-wirt f'dan ir-rigward. Bit-tħaddim tal-kriterji mfassla minn din il-Qorti f'każijiet oħrajn f'dan ir-rigward, il-Qorti qiegħda tqis il-grad ta' qrubija bejn l-appellanti u dawk li gawdew mis-serviġi, il-livell ta' impenn involut, il-fatt li min ta s-serviġi huwa wkoll werriet tal-ġid ereditarju mgħobbi bid-dejn, is-siwi u l-ħtieġa tas-serviġi lill-persuni li lilhom ingħataw, is-sagrifiċċju u ċ-ċaħdiet li l-għoti tas-serviġi kien jitlob mill-mod tal-ħajja ta' min tahom, il-mezzi li kellhom il-persuni mgħejjuna, il-fatt li l-infieq kien jinħareġ mill-persuni li lilhom saru s-serviġi u t-tul ta' żmien li damu jingħataw. B'dan il-mod, il-Qorti tasal biex, *arbitrio boni viri*, tillikwida l-ammont ta' "dejn" tal-wirt magħmul minn "ħlas" tas-serviġi mwettqa mill-intimata appellanti fis-somma ta' ħmistax-il elf euro (€15,000);

73. Illi għalhekk, dan l-aggravju se jintlaqa' u mill-valur sħiħ tal-wirt ta' kull ġenitur, trid titnaqqas is-somma ta' sebat elef u ħames mitt euro (€ 7,500) qabel ma jinħareġ l-ammont dovut għall-ħlas tas-sehem riżervat dovut lill-atturi appellati;

74. Illi fir-**raba' aggravju**, l-intimata appellanti tgħid li l-ewwel Qorti żbaljat meta għaddiet biex tikkalkula s-sehem riżervat fuq il-kejl tal-valur tal-massi ereditarji fil-waqt tal-qasma minflok ma straħet fuq il-valur ta' dak il-wirt fil-waqt tal-imwiet tar-rispettivi ġenituri;

75. Illi l-Qorti tqis li diġà qieset dan l-aggravju meta kienet qiegħda tifli l-aggravji tal-atturi appellanti[54] u ma tħossx li għandha terġa' tiftaħ il-kwestjoni. Tgħid biss li s-sehem riżervat li minnu jistħoqqilhom jieħdu l-atturi appellati jrid jinħadem fuq il-valur tal-ġid identifikat tal-ġenituri tagħhom fil-kundizzjoni li kien jinsab fiha mal-ftuħ tal-wirt tagħhom. Biss l-ewwel Qorti, meta għamlet il-komputazzjoni tagħha fuq il-valuri meta nfetaħ il-wirt, waslet għall-fehma li s-sehem riżervat ma ġiex rispettat minħabba t-tħollija tal-legat favur l-intimata appellanti. Kien għalhekk f'dan il-waqt li l-ewwel Qorti qieset il-valur mogħti mill-Perit tekniku 'fil-preżent'. Fil-prinċipju, din il-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet tal-ewwel Qorti, għalkemm għandu jsir aġġustament tal-ammont kif ser jiġi spjegat aktar 'il quddiem;

76. Illi l-**ħames aggravju** tal-intimata appellanti jirrigwarda dik il-parti tas-sentenza appellata li sabet li l-legat imħolli lill-atturi appellati ma kienx biżżejjed biex jissoddisfa l-jedd tagħhom għas-sehem riżervat. Dak il-legat kien jirrigwarda l-fond numru 8, Triq Sant'Antnin, f'Ħaż-Żabbar. Hawnhekk ukoll, il-mertu ta' dan l-aggravju tqies aktar qabel[55]; u l-Qorti mhux ser tistħarrġu aktar.

---

[54] §§ 15, 18 u 30 *supra*

[55] §§ 35 – 36 *supra*

Bħalma qalet meta kienet qiegħda tqis l-aggravju relattiv tal-atturi appellati, l-istess tgħid dwar dan l-aggravju tal-intimata appellanti, għaliex il-valur ta' dak il-post, meħud fil-qafas ta' kemm kien jiswa l-ġid tal-wirt taż-żewġ ġenituri, ma kienx biżżejjed biex ikopri dak li l-atturi appellati jistħoqqilhom jieħdu b'sehem riżervat;

77. Illi għalhekk, il-Qorti ssib li għandha taqbel mal-ewwel Qorti f'dik il-fehma u b'hekk tqis li l-aggravju mhuwiex mistħoqq;

78. Illi dwar il-komputazzjoni, il-Qorti tqis li ladarba l-miżżewġin Żerafa kellhom ħamest (5) ulied, dan iġib li s-sehem riżervat sħiħ għandu jkun ta' nofs ($^{1}/_{2}$) tal-ġid ereditarju tagħhom[56]. Dan is-sehem irid jinqasam daqsinsew bejn dawk kollha li jmisshom minnu[57]. Dan ifisser li l-ulied kollha iridu jitqiesu biex wieħed jara kemm kien l-għadd ta' wlied li fuqu jinħadem is-sehem riżervat[58]. Ifisser ukoll li sehem ta' kull wieħed mill-ulied (jew partijiet) huwa ta' wieħed minn għaxra ($^{1}/_{10}$) sehem tal-ġid tal-ġenituri tagħhom. Is-sehem ta' l-atturi appellanti jrid jitħallas mill-intimata appellanti bħala l-werrieta. Hemm qbil bejn il-partijiet li, b'kollox, l-atturi appellanti jistħoqqilhom jieħdu bejniethom erbat ishma minn għaxra ($^{4}/_{10}$) tal-valur riżultanti;

[56] Art. 616(1) tal-Kap 16
[57] Art. 616(2) tal-Kap 16
[58] Art. 618(1) tal-Kap 16

79. Illi dwar l-ġid li kellhom il-konjugi Żerafa, jirriżulta li bejniethom kellhom dar 66, Triq Spadaro, Żabbar, il-garaxx bin-numru 68, Triq Spadaro, Żabbar; id-dar numru 8, Triq Sant'Antnin, Żabbar; u qabar. Fiż-żmien ta' meta mietet l-omm, Carmela Żerafa, dan il-ġid tal-miżżewġin Żerafa kien stmat li jiswa mitejn u ħamsa u għoxrin elf mitejn u ħamsin euro (€225,250). Is-sehem ta' Carmela Żerafa għaldaqstant kien nofs dak l-ammont, jiġifieri mija u tnax-il elf sitt mija u ħamsa u għoxrin euro (€112,625). Jidher li wara l-mewt ta' Carmela Żerafa, il-ġid baqa' l-istess, u fiż-żmien li miet żewġha fl-2000 il-wirt tiegħu ġie stmat fl-ammont ta' mitejn u disgħa u erbgħin elf seba' mija u disa' euro (€249,709). Għaldaqstant is-sehem ta' Joseph Żerafa kien ta' mija u erbgħa u għoxrin elf tmien mija u erbgħa u ħamsin euro u ħamsin ċenteżmi (€124,845.50);

80. Illi ma nġabet l-ebda prova dwar xi ġid ieħor li seta' jiżdied mal-ġid immobbli msemmi;

81. Illi, min-naħa l-oħra, b'rabta ma' dak li ngħad dwar it-tielet aggravju tal-intimata appellanti[59], ħareġ li hemm id-"dejn" ta' ħmistax-il elf euro (€ 15,000) maħluq minħabba s-serviġi mwettqa mill-intimata appellanti favur il-ġenituri tagħha u dak id-dejn irid jitnaqqas mill-ġid ta' kull wieħed u waħda minnhom. Għalhekk, il-wirt ta' Carmela Żerafa li minnu trid tinħareġ il-leġittima favur l-atturi appellanti jiġi jiswa mija u ħamest elef u mija u ħamsa u għoxrin euro (€105,125)[60], filwaqt li l-wirt ta' Joseph Żerafa li minnu trid tinħareġ il-leġittima

[59]§§ 72 – 73 *supra*
[60] €112,625 - € 7,500 = €105,125

favur l-atturi appellati jiġi jiswa mija u sbatax-il elf tliet mija u ħamsa u erbgħin euro u ħamsin ċenteżmi (€117,345.50)[61];

82. Illi dan ifisser li sehem kull wieħed u waħda mill-atturi bħala leġittima mill-wirt ta' ommhom jitla' għal għaxart elef ħames mija u tnax-il euro u ħamsin ċenteżmi (€ 10,512.50), filwaqt li mill-wirt ta' missierhom jitla' għal ħdax-il elf seba' mija u erbgħa u tletin euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmi (€ 11,734.55);

83. Illi, b'żieda ma' dan u għal dak li jirrigwarda s-sehem dovut lil kull wieħed mill-atturi appellanti s-subien, mill-ġid tal-missier jeħtieġ li jitnaqqas is-sehem mill-valur tar-raba' ċedut b'xejn minn l-istess missier wara mewt l-omm. Dan ifisser li, mis-sehem ta' kull wieħed minnhom (ħlief fir-rigward tal-attriċi appellata Mary Calleja), għandha titnaqqas is-somma ta' ħamest elef tmien mija u ħamsin euro (€5,850)[62]. B'hekk filwaqt li s-sehem tal-attriċi appellanti Mary Calleja mill-wirt ta' missierha jibqa' dak ta' €11,734.55, dak dovut lill-atturi appellanti s-subien jonqos għal ħamest elef tmien mija u erbgħa u tmenin euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmi (€5,884.55) kull wieħed;

84. Illi billi kif qalet l-ewwel Qorti, il-leġittima ta' kull wieħed mill-atturi appellanti taqbeż sehemhom mill-valur stmat tal-fond numru 8, Triq Sant'Antnin, Żabbar[63], u għaldaqstant il-leġittima ma ġietx imħarsa mill-ġenituri tagħhom fit-

[61] €124,845.50 - € 7,500 = € 117,345.50
[62] € 17,550 / 3 = € 5850
[63] Il-fond ġie stmat €69,881, li, maqsum bejn 4, iwassal għall-ammont ta' €17,470.25

testment tagħhom, il-leġittima dovuta lill-atturi appellanti issa trid tiġi stmata fuq il-wirt kif meqjus fid-data l-aktar qrib l-għoti tas-sentenza appellata, jiġifieri dak ta' tliet mija u sitta u sebgħin elf euro (€376,000) kif stmat mill-perit imqabbad mill-ewwel Qorti;

85. Illi meta wieħed iqis dak li ngħad qabel, is-sehem ta' kull wieħed mill-atturi appellanti mill-wirt ta' l-omm jitla'għal tmintax-il elf u ħamsin euro (€ 18,050)[64], filwaqt li s-sehem ta' kull wieħed minnhom mill-wirt ta' missierhom huwa ta' tmintax-il elf u ħamsin euro (€ 18,050) fir-rigward tal-attriċi appellanti Mary Calleja, u ta' tnax-il elf u mitejn euro (€ 12,200) fir-rigward ta' kull wieħed mill-atturi appellanti l-oħrajn. Dan iġib li filwaqt li s-sehem riżervat li l-attriċi appellanti jistħoqqilha tirċievi mill-wirt taż-żewġ ġenituri tagħha jitla' għal sitta u tletin elf u mitt euro (€ 36,100), dak dovut lill-atturi appellanti l-oħrajn jitla' għal tletin elf mitejn u ħamsin euro (€ 30,250) kull wieħed;

86. Illi, minħabba li s-sehem mhux se jingħata kollu f'ġid *in natura* u wara li saru l-aġġustamenti minħabba l-likwidazzjoni tad-dejn għas-serviġi magħmula mill-intimata appellata Azzopardi, jiġi li se' jkun meħtieġ li l-istess appellata tekwipara l-imsemmija ishma bi ħlas ta' somma flus li b'kollox titla' għal wieħed u għoxrin elf tmien mija u ħamsin euro (€ 21,850). Fir-rigward tal-attriċi appellanti, dik l-ekwiparazzjoni titla' għal disat elef tmien mija u ħamsin euro (€ 9,850), filwaqt li fir-rigward ta' kull wieħed mill-atturi appellanti l-oħrajn titla' għal

64 €376,000 / 2 = €188,000 - €7,500 = €180,500 (jew € 18,050 kull wieħed)

erbat elef euro (€ 4,000). Minħabba li ntlaqa' l-għaxar aggravju tal-atturi appellanti, fuq is-somom dovuti f'ekwiparazzjoni jrid jitħallas ukoll l-imgħax bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena b'seħħ mit-22 ta' Frar, 2007, sal-jum tal-ħlas effettiv;

***Decide:***

87. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appelli billi:

**Tilqa' d-disa' u l-għaxar aggravji** tal-appell tal-atturi, u **tiċħad l-aggravji l-oħrajn** tagħhom;

**Tilqa' t-tielet aggravju** tal-appell tal-intimata, u **tiċħad l-aggravji l-oħrajn** tagħha; u

Għalhekk, **tirriforma** s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Novembru, 2014, fil-kawża fl-ismijiet premessi billi: **tħassarha** safejn ċaħdet ir-raba' eċċezzjoni tal-intimata u minflok tiddikjara li l-valur tas-serviġi li hija tat lill-ġenituri tagħha għandu jitnaqqas mill-valur tal-ġid tal-wirt qabel ma jinħadem is-sehem riżervat spettanti lill-atturi; **tillikwida** l-valur tal-imsemmija serviġi fis-somma ta' ħmistax-il elf euro (€ 15,000); **tillikwida** l-kwota tas-sehem riżervat dovut lill-attriċi Mary Calleja fis-somma ta' sitta u tletin elf u mitt euro (€ 36,100) filwaqt li s-sehem dovut lill-atturi l-oħrajn jitla' għal tletin elf mitejn u ħamsin euro

(€ 30,250) kull wieħed; **tillikwida** l-ekwiparazzjoni fi flus dovuta mill-intimata fis-somma ta' disat elef tmien mija u ħamsin euro (€ 9,850) favur l-attriċi Mary Calleja u fis-somma ta' erbat elef euro (€ 4,000) fir-rigward ta' kull wieħed mill-atturi l-oħrajn, fuq liema somom jimxi mgħax bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena b'seħħ mit-22 ta' Frar, 2007, sal-jum tal-ħlas effettiv; **tħassarha** safejn ordnat li l-ispejjeż tal-kawża jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet u, minflok, tordna li kull parti **tħallas l-ispejjeż** tagħha skond is-sehem li jmiss lilha mill-wirt fiż-żewġ istanzi; u **tikkonfermaha** mill-bqija.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm